# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 100

Volum 66

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni 13 ta' April 2023


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/750 tat-28 ta' Marzu 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea** ........... 1

★ **Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea** ........... 3


REGOLAMENTI


★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/751 tat-30 ta' Jannar 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat** ([1]) ........... 7

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/752 tat-12 ta' April 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ........... 16

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/753 tat-12 ta' April 2023 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "C(M)IT/MIT formulations"** ([1]) ...... 48

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/754 tat-12 ta' April 2023 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "Arche Chlorine" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ........... 83


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Rettifika


★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/432 tal-25 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** (ĠU L 59 I, 25.2.2023) ....... 98

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/429 tal-25 ta' Frar 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** (ĠU L 59 I, 25.2.2023) ....... 99

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/453 tat-2 ta' Marzu 2023 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le** (ĠU L 67, 3.3.2023) ....... 100

★ **Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/254 tas-6 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward ta' ċerti regoli tekniċi dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji** (ĠU L 35, 7.2.2023) ....... 101

★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali — Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA)** (ĠU L 325, 20.12.2018) ....... 102

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/750

**tat-28 ta' Marzu 2023**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 172 tiegħu, flimkien mal-punt (a) (v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Atti tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ([1]) u tar-Repubblika tal-Kroazja ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2) tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([3]),

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra ([4]) (il-"Ftehim"), ġie ffirmat fid-9 ta' Settembru 2006 ([5]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016 ([6]).

(2) Il-Bulgarija u r-Rumanija saru Stati Membri tal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 u l-Kroazja saret Stat Membru tagħha fl-1 ta' Lulju 2013.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Atti tal-Adeżjoni tal-Bulgarijau r-Rumanija u tal-Kroazja, għandu jintlaħaq qbil dwar l-adeżjoni għall-Ftehim permezz ta' protokoll għal dak il-Ftehim (il-"Protokoll"). Skont l-Artikolu 6(2) ta' dawk l-Atti ta' Adeżjoni, għanda tapplika proċedura ssimplifikata għal tali adeżjoni, li permezz tagħha għandu jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiżi terzi kkonċernati.

([1]) Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

([2]) Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21).

([3]) Il-Kunsens tal-15 ta' Frar 2023 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) ĠU L 288, 19.10.2006, p. 31.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/700/KE tal-1 ta' Settembru 2006 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 288, 19.10.2006, p. 30).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/944 tas-6 ta' Ġunju 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 19).

(4) Fit-23 ta' Ottubru 2006 u fl-14 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat sabiex jiġu konklużi protokolli għall-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

(5) In-negozjati mar-Repubblika tal-Korea ntemmu b'suċċess permezz ta' skambju ta' *notes verbales*.

(6) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill(UE) 2019/1934 ([7]), il-Protokoll ġie ffirmat fis-26 ta' Settembru 2022, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

(7) Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa d-depożitarju ta' dan il-Protokoll.

(8) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan huwa awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. BUSCH

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1934 tat-18 ta' Marzu 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 301, 22.11.2019, p. 1).

# PROTOKOLL

## għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

L-UNJONI EWROPEA,

u

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Istati Membri",

minn naħa, u

R-REPUBBLIKA TAL-KOREA,

min-naħa l-oħra,

FILWAQT LI JFAKKRU fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim"), li ġie ffirmat fid-9 ta' Settembru 2006 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016 u, b'mod partikulari, fl-Artikolu 18(3) tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 u l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja magħha fl-1 ta' Lulju 2013,

XEWQANA li r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Rumanija jaderixxu mal-Ftehim,

FILWAQT LI JQISU l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom tissejjes l-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' dawk l-Istati għall-Ftehim għandu jintlaħaq qbil dwarha permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għal dak il-Ftehim,

FTEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Rumanija għandhom ikunu Partijiet tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, u għandhom jadottaw u jieħdu nota, rispettivament, tat-test tal-Ftehim hekk kif għamlu l-Istati Membri l-oħrajn.

*Artikolu 2*

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

*Artikolu 3*

It-testi tal-Ftehim bil-Bulgaru, bil-Kroat u bir-Rumen huma mehmużin ma' dan il-Protokoll ([1]).

*Artikolu 4*

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu għarrfu lid-Depożitarju tal-Ftehim, permezz ta' noti diplomatiċi, li jkunu lestew il-proċeduri legali interni rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati kif xieraq jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'żewġ kopji, bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż, bl-Iżvediż u bil-Korean, u kull test huwa ugwalment awtentiku.

([1]) ĠU L 288, 19.10.2006, p. 31.

Съставено в Брюксел на двадесет и шести септември две хиляди двадесет и втора година.

Hecho en Bruselas, el veintiseis de septiembre de dos mil veintidós.

V Bruselu dne dvacátého šestého září dva tisíce dvacet dva.

Udfærdiget i Bruxelles den seksogtyvende september to tusind og toogtyve.

Geschehen zu Brüssel am sechsundzwanzigsten September zweitausendzweiundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne teise aasta septembrikuu kahekümne kuuendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι έξι Σεπτεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι δύο.

Done at Brussels on the twenty-sixth day of September in the year two thousand and twenty two.

Fait à Bruxelles, le vingt-six septembre deux mille vingt-deux.

Sastavljeno u Bruxellesu dvadeset šestog rujna godine dvije tisuće dvadeset druge.

Fatto a Bruxelles, addì ventisei settembre duemilaventidue.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit otrā gada divdesmit sestajā septembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt antrų metų rugsėjo dvidešimt šeštą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonkettedik év szeptember havának huszonhatodik napján.

Magħmul fi Brussell, fis-sitta u għoxrin jum ta' Settembru fis-sena elfejn u tnejn u għoxrin.

Gedaan te Brussel, zesentwintig september tweeduizend tweeëntwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego szóstego września roku dwa tysiące dwudziestego drugiego.

Feito em Bruxelas, em vinte e seis de setembro de dois mil e vinte e dois.

Întocmit la Bruxelles la douăzeci și șase septembrie două mii douăzeci și doi.

V Bruseli dvadsiateho šiesteho septembra dvetisícdvadsaťdva.

V Bruslju, šestindvajsetega septembra dva tisoč dvaindvajset.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenäkuudentena päivänä syyskuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkaksi.

Som skedde i Bryssel den tjugosjätte september år tjugohundratjugotvå.

2022 년 9 월 26 일 브뤼셀에서 작성하였다.

За държавите-членки
Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Za države članice
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā –
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu Państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Pentru statele membre
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
För medlemsstaterna
회원국을 대표하여



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen
유럽연합을 대표하여



За Република Корея
Por la República de Corea
Za Korejskou republiku
For Republikken Korea
Für die Republik Korea
Korea Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία της Κορέας
For the Republic of Korea
Pour la République de Corée
Za Republiku Koreju
Per la Repubblica di Corea
Korejas Republikas vārdā
Korėjos Respublikos vardu,
A Koreai Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Korea
Voor de Republiek Korea
W imieniu Republiki Korei
Pela República da Coreia
Pentru Republica Coreea
Za Kórejskú republiku
Za Republiko Korejo
Korean tasavallan puolesta
På Republiken Koreas vägnar
대한민국을 대표하여



# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/751

### tat-30 ta' Jannar 2023

### li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 67 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi regoli dwar is-sensibilizzazzjoni, it-tħejjija u l-kontroll tal-mard. B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-mard għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard elenkat fl-Artikolu 5 tiegħu.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat, l-aktar il-mard tal-kategoriji A, B u C f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod aktar partikolari, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi l-istabbiliment ta' żona ristretta fil-każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A u restrizzjonijiet u kundizzjonijiet għall-movimenti ta' annimali u l-prodotti tagħhom f'żoni ristretti u minn żoni ristretti, bħala parti mill-miżuri għall-kontroll tat-tixrid tal-mard tal-kategorija A.

(3) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([4]) jipprovdu definizzjonijiet differenti għal "budellat", u d-definizzjoni korretta hija dik stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza fost id-dispożizzjonijiet tal-atti delegati li jissupplimentaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, id-definizzjoni ta' "budellat" stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jenħtieġ li għalhekk tiġi kkoreġuta u allinjata ma' dik fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

---

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

(4) L-Artikolu 23(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi l-possibbiltà li l-awtorità kompetenti tagħti derogi mill-miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żona ristretta f'każ li sseħħ tifqigħa ta' marda tal-kategorija A fi stabbiliment li jżomm sa 50 għasfur fil-magħluq, iżda mhux mill-obbligu li tiġi stabbilita żona ristretta, li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament Delegat. Dan l-obbligu jista' joħloq restrizzjonijiet kummerċjali mhux meħtieġa u jimponi piż mhux ġustifikat fuq l-operaturi u fuq l-awtoritajiet kompetenti.

(5) Jenħtieġ li l-miżuri għall-kontroll tal-mard previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jkunu proporzjonati għar-riskji involuti. F'ċerti ċirkostanzi, jekk stabbiliment fejn jinżammu sa 50 għasfur fil-magħluq ma jkollu l-ebda kuntatt dirett jew indirett ma' stabbilimenti oħra fejn jinżammu pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq, ir-riskju li tifqigħa bħal din tikkontribwixxi għat-tixrid tal-marda jista' jkun insinifikanti. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jitħallew jidderogaw mill-istabbiliment ta' żona ristretta meta sseħħ tifqigħa ta' marda tal-kategorija A fi stabbiliment li jżomm sa 50 għasfur fil-magħluq, jekk valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti tipprovdi li l-istabbiliment ma għandux kuntatt dirett jew indirett ma' pollam jew ma' stabbilimenti oħra li jżommu għasafar fil-magħluq.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat biex jinkludi stabbilimenti li jżommu sa 50 għasfur fil-magħluq fost il-postijiet fejn, jekk isseħħ tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi f'ċerti ċirkostanzi jekk għandhiex tistabbilixxi żona ristretta jew le.

(7) L-Artikoli 28 u 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-għoti ta' derogi mill-projbizzjonijiet tal-movimenti ta' annimali u prodotti fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, rispettivament. Dawn il-kundizzjonijiet ġenerali jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jiġu applikati mill-awtorità kompetenti biex jiġi żgurat li r-riskju tat-tixrid ta' marda tal-kategorija A b'movimenti bħal dawn ikun negliġibbli. Dawn il-miżuri jinkludu ċerti miżuri supplimentari stretti ta' bijosigurtà matul l-operazzjonijiet kollha tat-trasport mill-istabbiliment tal-oriġini sal-ħatt fl-istabbiliment tad-destinazzjoni, li huwa, f'konformità mal-Artikoli 28 u 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, magħżul mill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini. Meta l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini tkun differenti mill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, jista' jkun li l-awtorità kompetenti tal-oriġini ma tkunx tista' tiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri kollha, b'mod partikolari li tkun taf il-post tal-istabbilimenti b'annimali ta' speċijiet elenkati, li tagħżel rotta li tevita dawk il-postijiet, jew li tiżgura li jiġu implimentati miżuri supplimentari ta' bijosigurtà fil-ħatt fl-istabbiliment tad-destinazzjoni magħżul.

(8) Barra minn hekk, jekk l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini tkun differenti mill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-destinazzjoni magħżul, jenħtieġ li tinforma lill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-destinazzjoni dwar din l-għażla. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-miżuri kollha stabbiliti mill-Artikoli 28 u 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, jenħtieġ li l-għażla tal-istabbiliment tad-destinazzjoni ssir b'kooperazzjoni bejn l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini u dik tal-istabbiliment tad-destinazzjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-Artikolu 28(3) u l-Artikolu 43(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati skont dan.

(9) L-Artikolu 30(2) u l-Artikolu 46(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti ta' pollam lest biex ibid minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti b'reazzjoni għal tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, rispettivament. F'konformità ma' dawn l-Artikoli, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza tali movimenti biss jekk ma jkun hemm l-ebda annimal miżmum ieħor ta' xi speċi elenkata fl-istabbiliment tad-destinazzjoni. Fil-prattika, f'xi każijiet, l-istabbilimenti tat-tiġieġ tal-bajd fejn jintbagħat il-pollam lest biex ibid jistgħu jikkonsistu minn diversi unitajiet epidemjoloġiċi, kif iddefinit fl-Artikolu 4(39) tar-Regolament (UE) 2016/429, li jridu jiġu stokkjati fi żminijiet differenti biex ikunu jistgħu jiżguraw produzzjoni stabbli ta' bajd matul is-sena. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 30(2) u l-Artikolu 46(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati, biex tingħata l-possibbiltà li l-pollam lest biex ibid minn żona ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza jkun jista' jintbagħat ukoll f'unità epidemjoloġika vojta fi stabbiliment fejn l-annimali tal-ispeċijiet elenkati jinżammu f'unitajiet epidemjoloġiċi oħra.

(10) L-Artikoli 39 u 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-miżuri ta' kontroll applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, rispettivament. It-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari huma miżuri essenzjali li jridu jitwettqu b'mod effettiv biex jiġi evitat it-tixrid tal-marda tal-kategorija A mill-istabbiliment affettwat. Il-proċeduri għat-tindif u d-diżinfezzjoni huma stabbiliti fil-punti A u B tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament Delegat. Skont dawn il-proċeduri, it-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari jkunu tlestew jekk id-diżinfettant ikun baqa' fuq il-wiċċ ittrattat għal mill-inqas 24 siegħa. Bħala prinċipju magħruf għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-mard tal-kategorija A, il-perjodu minimu ta' tul ta' żmien tal-miżuri li jridu jiġu implimentati fiż-żoni ristretti jibda biss wara t-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari.

(11) It-test attwali tal-Artikoli 39 u 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 ma huwiex ċar dwar il-punt tat-tluq għall-perjodu minimu ta' durata tal-miżuri li jridu jiġu implimentati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u dan jista' jwassal għal implimentazzjoni differenti ta' dak ir-rekwiżit mill-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 39 u 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati biex jispeċifikaw b'mod ċar il-punt tat-tluq għall-għadd tal-perjodu minimu ta' durata tal-miżuri fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza.

(12) L-Artikolu 31(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jippermetti lill-awtorità kompetenti tawtorizza l-moviment ta' bajd għat-tifqis minn stabbiliment li jinsab fiż-żona ta' protezzjoni lejn mafqas li jinsab fl-istess Stat Membru, li jinkludi l-moviment ta' bajd għat-tifqis minn stabbiliment li jinsab fiż-żona ta' protezzjoni lejn mafqas li jinsab fiż-żona ta' sorveljanza. Madankollu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 46(1)(a) ta' dak ir-Regolament Delegat, il-movimenti ta' flieles ta' ġurnata li joriġinaw fiż-żona ta' sorveljanza lejn stabbilimenti fl-istess Stat Membru jistgħu jiġu awtorizzati biss jekk ikunu faqqsu minn bajd li joriġina fi stabbilimenti fiż-żona ta' sorveljanza. Għalhekk, skont l-Artikolu 46(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, l-awtorità kompetenti ma tistax tawtorizza movimenti miż-żona ta' sorveljanza ta' flieles ta' ġurnata li faqqsu minn bajd li joriġina minn stabbilimenti fiż-żona ta' protezzjoni.

(13) L-Artikolu 30(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jippermetti l-moviment ta' flieles ta' ġurnata minn stabbiliment li jinsab fiż-żona ta' protezzjoni, jekk dawn ikunu faqqsu minn bajd li joriġina fiż-żona ristretta. Konsegwentement, skont l-Artikolu 30(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, il-moviment miż-żona ta' restrizzjoni ta' flieles ta' ġurnata li faqqsu minn bajd li joriġina minn stabbilimenti fiż-żona ta' protezzjoni jista' jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. L-awtorità kompetenti jenħtieġ li tkun tista' tawtorizza wkoll, jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet simili, il-moviment miż-żona ta' sorveljanza ta' flieles ta' ġurnata li faqqsu minn bajd li joriġina fi stabbilimenti fiż-żona ta' protezzjoni. Għalhekk, l-Artikolu 46(1)(a) jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(14) L-Artikolu 52 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi l-kundizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati meta l-awtorità kompetenti tawtorizza movimenti ta' materjali tal-għalf li joriġinaw minn pjanti u tiben prodotti fiż-żona ta' sorveljanza. Bil-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 52 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jista' jinftiehem li l-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-punti (a) sa (d) ta' dak l-Artikolu jridu jiġu ssodisfati. Madankollu, l-Artikolu 52(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jirreferi għall-każ fejn il-materjali tal-għalf li joriġinaw mill-pjanti u t-tiben ikunu għaddew minn mill-inqas wieħed mit-trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness VIII ta' dak ir-Regolament Delegat. B'konsegwenza tal-applikazzjoni tat-trattament tal-mitigazzjoni tar-riskju, il-materjali tal-għalf li joriġinaw mill-pjanti u t-tiben isiru komoditajiet sikuri u għalhekk jistgħu jiġu mċaqalqa barra miż-żona ta' sorveljanza. Barra minn hekk, l-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni tal-moviment ta' materjali tal-għalf li joriġinaw minn pjanti u tiben miż-żona ta' protezzjoni. F'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, il-movimenti ta' materjali tal-għalf li joriġinaw minn pjanti u tiben miż-żona ta' protezzjoni jistgħu jiġu awtorizzati jekk ikunu għaddew minn mill-inqas wieħed mit-trattamenti għall-mitigazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Anness VIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(a) sa (d) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma simili għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk, jenħtieġ li l-moviment ta' materjali tal-għalf li joriġinaw minn pjanti u tiben prodotti fiż-żona ta' sorveljanza ma jkunx soġġett għal kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk applikabbli għall-moviment ta' materjal tal-għalf li joriġina minn pjanti u tiben prodotti fiż-żona ta' protezzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 52 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi kkoreġut biex jiġu żgurati restrizzjonijiet simili fiż-żona ta' sorveljanza bħal dawk fiż-żona ta' protezzjoni meta jiġu ssodisfati kundizzjonijiet simili.

(15) L-Artikolu 59(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati maħsuba għar-ripopolazzjoni ta' stabbilimenti affettwati minn tifqigħa ta' marda tal-kategorija A. Dawk l-annimali jridu joriġinaw minn stabbiliment li ma jkunx jinsab f'żona ristretta u soġġett għall-miżuri ta' kontroll tal-mard għall-mard tal-kategorija A tal-annimali terrestri miżmuma, kif stabbilit fil-Parti II, il-Kapitolu II, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Madankollu, l-Artikolu 59(2)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jirreferi bi żball għar-restrizzjonijiet previsti fil-Kapitolu III ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk jenħtieġ li jiġi kkoreġut it-test fl-Artikolu 59(2)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 biex jiġi jirreferi għar-restrizzjonijiet previsti fil-Kapitolu II ta' dak ir-Regolament Delegat.

(16) L-Artikoli 27 u 42 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxu l-projbizzjonijiet fuq ċerti attivitajiet, fosthom il-movimenti, ta' annimali, ta' prodotti u ta' materjali oħra fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stess, movimenti 'l barra minnhom u movimenti lejhom. Il-projbizzjonijiet huma elenkati fit-tabella stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament Delegat. Il-ġarr ta' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati lejn stabbilimenti fiż-żona ristretta huwa pprojbit f'konformità ma' dik it-tabella, sabiex tiġi evitata ż-żieda fil-popolazzjoni tal-annimali miżmuma li huma suxxettibbli għall-marda tal-kategorija A li tkun ġiet ikkonfermata f'dik iż-żona. Jekk jinġarr għal mafqas li jinsab f'żona ristretta, il-bajd għat-tifqis jista' jwassal għall-produzzjoni ta' flieles ta' ġurnata, u dan ikabbar il-popolazzjoni ta' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati fiż-żona ristretta. Għalhekk, tali moviment ikun f'kunflitt mal-għan tal-projbizzjoni tal-ġarr ta' annimali miżmuma ta' speċijiet elenkati lejn stabbilimenti fiż-żona ristretta. Għaldaqstant, bħala regola ġenerali, it-tali ġarr jitqies bħala pprojbit. Madankollu, it-tabella stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 b'mod żbaljat telenka biss il-projbizzjoni tal-ġarr tal-bajd għat-tifqis 'il barra minn stabbilimenti fiż-żona ristretta. Għalhekk, jenħtieġ li t-test fit-tabella stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi kkoreġut biex jirreferi wkoll għall-projbizzjoni tal-ġarr ta' bajd għat-tifqis lejn stabbilimenti fiż-żona ristretta.

(17) Barra minn hekk, il-projbizzjoni elenkata fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 għall-ġarr ta' materjal tal-għalf li joriġina minn pjanti u tiben b'mod żbaljat hija limitata għal dawk li jinkisbu miż-żona ta' protezzjoni, u dan jippermetti l-ġarr ta' materjal tal-għalf li joriġina minn pjanti u tiben miksuba miż-żona ta' sorveljanza, li jista' joħloq ir-riskju li tinxtered il-marda. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi kkoreġut biex ikun ipprojbit il-ġarr ta' materjali tal-għalf li joriġinaw mill-pjanti u ta' tiben li jinkisbu miż-żona ristretta.

(18) L-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi trattamenti għall-mitigazzjoni tar-riskju għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali, b'mod partikolari l-laħam, il-budellat u l-ħalib, miż-żona ristretta. Dawk it-trattamenti, li jinattivaw l-aġenti tal-mard, jenħtieġ li jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, mal-istandards internazzjonali, u mal-evidenza xjentifika l-ġdida. L-entrata f'dak l-Anness għall-virus tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż għal dawk il-komoditajiet bħalissa hija vojta, minħabba n-nuqqas ta' *data* xjentifika jew ta' studji dwar it-trattamenti miksuba s'issa. Minħabba l-okkorrenza riċenti fl-Unjoni ta' tifqigħat tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż, jenħtieġ li t-trattament tal-laħam u tal-ħalib minn annimali kaprini u ovini li joriġinaw miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jsir possibbli għall-Istati Membri li jkunu qed jimmaniġġaw tali tifqigħat. Dawn it-trattamenti ma ġewx previsti fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, peress li l-Kummissjoni qed tistenna r-riżultati ta' studju kkummissjonat lil-Laboratorju ta' Referenza tal-UE għall-viruses tal-*Capripox*, jew aktar pariri xjentifiċi pprovduti mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"). Madankollu, filwaqt li titqies is-similarità bejn il-virus tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż u l-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda, li t-tnejn huma tal-familja *Poxviridae* u tal-ġeneru *Capripoxvirus*, jixraq li tkun permessa l-applikazzjoni ta' trattamenti għall-mitigazzjoni tar-riskju fit-tabella rilevanti tal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. L-applikazzjoni tat-trattamenti għall-mitigazzjoni tar-riskju għall-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż għandha tiġi riveduta ladarba jkun hemm aktar evidenza xjentifika.

(19) F'opinjoni xjentifika riċenti ([5]), l-Awtorità vvalutat l-effettività ta' ċerti trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali u għal materjali oħrajn fir-rigward ta' mard tal-kategorija A. Fost trattamenti oħrajn, l-Awtorità kienet tal-opinjoni li t-trattament tal-laħam bis-sħana sakemm tinkiseb temperatura ta' 70 °C fil-qalba, li tinżamm għal mill-inqas 30 minuta, kien trattament effettiv biex jiġi inattivat il-virus tad-deni Afrikan tal-ħnieżer. Għalhekk, abbażi tal-evidenza xjentifika l-ġdida, u f'konformità mal-istandard internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) ([6]) b'rabta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer, jenħtieġ li l-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq biex jinkludi trattament addizzjonali għall-mitigazzjoni tar-riskju tad-deni Afrikan tal-ħnieżer.

---

([5]) *EFSA Journal* 2022;20(8):7443.

([6]) WOAH Terrestrial Animal Health Code, 30th Edition, 2022. Volumes I and II, ISBN 978-92-95121-28-7; https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/terrestrial-code-online-access/

(20) L-Anness VIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxi t-"trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju għal prodotti li ma joriġinawx mill-annimali miż-żona ta' protezzjoni", għalkemm ir-referenzi għal dawk it-trattamenti jsiru wkoll fl-Artikolu 52 ta' dak ir-Regolament Delegat, li huwa relatat ma' kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni tal-moviment ta' materjali tal-għalf li joriġinaw minn pjanti u tiben miż-żona ta' sorveljanza. Għalhekk, jenħtieġ li t-titolu tal-Anness VIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi kkoreġut biex jirreferi għat-"trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju għal prodotti li ma joriġinawx mill-annimali miż-żona ristretta".

(21) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 21(3), jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) stabbilimenti li jżommu sa 50 għasfur fil-magħluq, dment li ma jkollhom l-ebda kuntatt dirett jew indirett ma' pollam jew ma' stabbilimenti oħra li jżommu għasafar fil-magħluq.";

(2) l-Artikolu 28(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini għandha tagħżel l-istabbiliment tad-destinazzjoni għall-movimenti minn jew lejn iż-żona ta' protezzjoni. Jekk l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini tkun differenti mill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, trid tagħmel l-għażla b'kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-destinazzjoni.";

(3) fl-Artikolu 30(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ma jkun hemm ebda annimal miżmum ieħor tal-ispeċijiet elenkati fl-istabbiliment jew fl-unità epidemjoloġika tad-destinazzjoni;";

(4) l-Artikolu 39(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti tista' tneħħi l-miżuri previsti fit-Taqsimiet 1 u 2 ta' dan il-Kapitolu biss jekk:

(a) ikun għadda l-perjodu minimu stabbilit fl-Anness X wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari u, fejn rilevanti, il-kontroll tal-insetti u tar-rodituri, imwettaq f'konformità mal-Artikolu 15 fl-istabbiliment affettwat; u

(b) fl-istabbilimenti kollha li jżommu annimali tal-ispeċijiet elenkati fiż-żona ta' protezzjoni, l-annimali tal-ispeċijiet elenkati jkunu għaddew, b'riżultati favorevoli, minn eżamijiet kliniċi u, meta jkunu meħtieġa, minn eżamijiet fil-laboratorju f'konformità mal-Artikolu 26.";

(5) l-Artikolu 43(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini għandha tagħżel l-istabbiliment tad-destinazzjoni għall-movimenti minn jew lejn iż-żona ta' sorveljanza. Jekk l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini tkun differenti mill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, trid tagħmel l-għażla b'kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-destinazzjoni.";

(6) l-Artikolu 46(1)(a) huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"lejn stabbilimenti fl-istess Stat Membru fejn kienu faqqsu minn bajd li oriġina minn stabbilimenti fiż-żona ristretta, jekk:";

(b) jiżdied il-punt (iii) li ġej:

"(iii) il-mezz tat-trasport jiġi ssiġillat mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha fil-mument tat-tagħbija.";

(7) fl-Artikolu 46(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ma jkun hemm ebda annimal miżmum ieħor tal-ispeċijiet elenkati fl-istabbiliment jew fl-unità epidemjoloġika tad-destinazzjoni;";

(8) l-Artikolu 55(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti tista' tneħħi l-miżuri għall-kontroll tal-mard applikati fiż-żona ta' sorveljanza skont it-Taqsimiet 1 u 3 biss jekk:

(a) il-perjodu minimu stabbilit fl-Anness XI ikun għadda wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari u, fejn rilevanti, il-kontroll tal-insetti u tar-rodituri, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 15 fl-istabbiliment affettwat,

(b) ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 39(1)(b) ġew issodisfati fiż-żona ta' protezzjoni, u

(c) għadd rappreżentattiv ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali tal-ispeċijiet elenkati jkunu għaddew, b'riżultati favorevoli, minn żjarat imwettqa minn veterinarji uffiċjali, f'konformità mal-Artikolu 41.";

(9) fl-Anness VII, l-ewwel tabella, relatata mal-laħam, mal-budellat u mal-ħalib, hija sostitwita bit-tabella stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huwa kkoreġut kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(10), id-definizzjoni ta' "budellat" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(10) "budellat" tfisser il-boroż tal-awrina u l-intestini li wara t-tindif ikunu ġew ipproċessati bi brix tat-tessuti, tneħħija tax-xaħam u ħasil u li jkunu ġew ittrattati bil-melħ jew imnixxfin;

(2) fl-Artikolu 52, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) huma maħsubin biex jintużaw fiż-żona ta' sorveljanza; jew";

(3) fl-Artikolu 59(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ma joriġinawx minn stabbiliment soġġett għar-restrizzjonijiet previsti fil-Kapitolu II; u";

(4) fl-Anness VI, it-tabella hija emendata kif ġej:

(a) it-test fl-ewwel kolonna tal-għaxar ringiela tat-tabella huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Movimenti ta' bajd għat-tifqis lejn u minn stabbilimenti fiż-żona ristretta";

(b) it-test fl-ewwel kolonna tal-aħħar ringiela tat-tabella huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Movimenti ta' materjali tal-għalf li joriġinaw mill-pjanti u ta' tiben miksuba miż-żona ristretta";

(5) fl-Anness VIII, it-titolu jiġi sostitwit b'li ġej:

"**TRATTAMENTI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU GĦALL-PRODOTTI MHUX TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI MIŻ-ŻONA RISTRETTA**".

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, l-ewwel tabella, b'rabta mal-laħam, mal-ġlud u mal-ħalib, hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Trattament | FMD [1] | RP | RVFV | LSD | CBPP | SPGP | PPR | CCPP | CSF | ASF | AHS | HPAI | NCD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **LAĦAM** | | | | | | | | | | | | | |
| Trattament bis-sħana f'kontenitur issiġillat ermetikament, sakemm jinkiseb valur $F_0$ [2] minimu ta' 3 | X | | | | | | X | | X | X | | X | X |
| Trattament bis-sħana sakemm fil-qalba tinkiseb temperatura ta' 80 °C | X | | | | | | X | | X | X | | X | X |
| Trattament bis-sħana sakemm fil-qalba tinkiseb temperatura ta' 70 °C | X | | | | | | X | | X | | | X | X |
| Trattament bis-sħana (għal laħam li diġà tneħħilu l-għadam u x-xaħam) sakemm fil-qalba tinkiseb temperatura ta' 70 °C għal minimu ta' 30 minuta | X | | | | | | X | | X | X | | | |
| F'kontenitur issiġillat ermetikament, l-applikazzjoni ta' temperatura ta' 60 °C għal minimu ta' 4 sigħat | X | | | | | | X | | X | X | | | |
| Temperatura fil-qalba ta' 73,9 °C għal minimu ta' 0,51 sekonda [3] | X | | | | | | | | | | | X | X |
| Temperatura fil-qalba ta' 70,0 °C għal minimu ta' 3,5 sekondi [3] | | | | | | | | | | | | X | X |
| Temperatura fil-qalba ta' 65,0 °C għal minimu ta' 42 sekonda [3] | | | | | | | | | | | | X | X |
| Temperatura fil-qalba ta' 60 °C għal minimu ta' 507 sekondi [3] | | | | | | | | | | | | X | X |
| Trattament bis-sħana sabiex tinkiseb dessikazzjoni għal valuri massimi ta' Aw ta' 0,93 u pH ta' 6 | | | | | | | | | | | | | |
| Trattament bis-sħana sakemm fil-qalba tinkiseb temperatura ta' 65 °C għal ħin biżżejjed biex jinkiseb valur minimu ta' pasturizzazzjoni ta' 40 | | | | | | | X | | | | | | |
| Fermentazzjoni naturali u maturazzjoni għal-laħam bl-għadam: minimu ta' 9 xhur, sabiex jinkisbu valuri massimi ta' Aw ta' 0,93 u pH ta' 6 | X | | | | | | | | X | | | | |
| Fermentazzjoni naturali u maturazzjoni għal-laħam mingħajr għadam: minimu ta' 9 xhur, sabiex jinkisbu valuri massimi ta' Aw ta' 0,93 u pH ta' 6 | X | | | | | | | | X | X | | | |
| Fermentazzjoni naturali għal-lojns: minimu ta' 140 jum, sakemm jinkisbu valuri massimi ta' Aw ta' 0,93 u pH ta' 6 [4] | | | | | | | | | X | X | | | |
| Fermentazzjoni naturali għall-prieżet: minimu ta' 190 jum, sakemm jinkisbu valuri massimi ta' Aw ta' 0,93 u pH ta' 6 [4] | | | | | | | | | X | X | | | |
| Tnixxif wara t-tmellieħ tal-prieżet bl-għadma stil Taljan: minimu ta' 313-il jum [4] | | | | | | | | | X | | | | |

| “Trattament | FMD ([1]) | RP | RVFV | LSD | CBPP | SPGP | PPR | CCPP | CSF | ASF | AHS | HPAI | NCD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tnixxif wara t-tmellih tal-prieżet u tal-lojns bl-għadma stil Spanjol ([4]):<br>— Prieżet Iberjani: minimu ta’ 252 jum<br>— Spallejn Iberjani: minimu ta’ 140 jum<br>— Lojns Iberjani: minimu ta’ 126 jum<br>— Prieżet ta’ Serrano: minimu ta’ 140 jum | X | | | | | | | | X | X | | | |
| Maturazzjoni tal-karkassi f’temperatura minima ta’ 2 °C għal minimu ta’ 24 siegħa wara l-iskarnar | | | X | | | | | | | | | | |
| Tneħħija tal-ġewwieni | | | | X | X | X | | X | | | | | |
| **BUDELLAT** | | | | | | | | | | | | | |
| Tmellih bil-klorur tas-sodju (NaCl) niexef jew bħala salmura saturata (Aw < 0,80), għal perjodu kontinwu ta’ 30 jum jew iżjed f’temperatura ambjentali ta’ 20 C jew aktar | X | | | | | | X | | X | X | | | |
| Tmellih b’melħ issupplimentat bil-fosfat 86,5 % NaCl, 10,7 % $N_{a2}HPO_4$ u 2,8 % $Na3PO_4$ niexef jew bħala salmura saturata (Aw < 0,80), għal perjodu kontinwu ta’ 30 jum jew iżjed f’temperatura ambjentali ta’ 20 °C jew aktar | X | | | SC ([5]) | | | X | | X | X | | | |
| Tmellih bil-klorur tas-sodju (NaCl) għal minimu ta’ 30 jum ([6]) | | | | | | | | | | | | | |
| Ibbliċjar ([6]) | | | | | | | | | | | | | |
| Tnixxif ([6]) | | | | | | | | | | | | | |
| **ĦALIB** | | | | | | | | | | | | | |
| Trattament bis-sħana (proċess ta’ sterilizzazzjoni) sakemm jinkiseb valur $F_0$ minimu ta’ 3 | X | | | | | | | | | | | | |
| Trattament bis-sħana UHT (temperatura ultra għolja): Minimu ta’ 132 °C għal minimu ta’ sekonda | X | | | | | | X | | | | | | |
| Trattament bis-sħana UHT (temperatura ultra għolja): Minimu ta’ 135 °C għal ħin adattat ta’ ħżin | X | | | | SC ([5]) | | | SC ([5]) | | | | | |
| Trattament bis-sħana HTST (Pasturizzazzjoni f’temperatura għolja u għal ħin qasir) jekk il-pH tal-ħalib ikun inqas minn 7, minimu ta’ 72 °C għal minimu ta’ 15-il sekonda | X | | | | | | X | | | | | | |
| Trattament bis-sħana HTST (Pasturizzazzjoni f’temperatura għolja u għal ħin qasir) jekk il-pH tal-ħalib ikun 7 jew ogħla, minimu ta’ 72 °C għal minimu ta’ 15-il sekonda, applikat darbtejn | X | | | | | | X | | | | | | |

| “Trattament | FMD (1) | RP | RVFV | LSD | CBPP | SPGP | PPR | CCPP | CSF | ASF | AHS | HPAI | NCD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Trattament bis-sħana HTST (Pasturizzazzjoni f’temperatura għolja u għal ħin qasir) ikkumbinat ma’ trattament fiżiku sabiex jinkiseb valur ta’ pH aktar baxx minn 6 għal minimu ta’ siegħa (1h) jew sakemm tinkiseb temperatura minima ta’ 72 °C, ikkumbinat mad-dessikazzjoni | X | | | | | | | | | | | | |
| Pasturizzazzjoni li tikkonsisti minn trattament wieħed bis-sħana li jkollu effett mill-inqas ekwivalenti għal dak miksub bl-applikazzjoni ta’ temperatura ta’ 72 °C għal 15-il sekonda | X | | X | X | | X | | | | | | | |

(1) L-abbrevjazzjonijiet tal-mard f’konformità mal-Anness II.
(2) $F_0$ huwa l-effett ikkalkulat li joqtol l-ispori batterjoloġiċi. Valur $F_0$ ta’ 3 ifisser li l-aktar punt kiesaħ fil-prodott issaħħan biżżejjed biex laħaq l-istess effett mortali bħal ta’ 121 °C (250 °F) fi tliet minuti b’tisħin u tkessiħ istantanju.
(3) Għal-laħam tal-pollam biss.
(4) Għall-annimali porċini biss.
(5) Komodità sikura.
(6) Mhux għall-budellat tal-annimali bovini, ovini, kaprini u porċini.”

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/752**

**tat-12 ta’ April 2023**

**li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami ta’ skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

## 1. **PROĊEDURA**

### 1.1. **Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ**

(1) Bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 965/2010 ([2]), il-Kunsill impona dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (“ir-RPĊ”, “iċ-Ċina” jew “il-pajjiż ikkonċernat”) (“il-miżuri oriġinali”). L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn ’il quddiem se tissejjaħ “l-investigazzjoni oriġinali”.

(2) Bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2229 ([3]), il-Kummissjoni temmet ir-rieżami *interim* parzjali, skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“ir-Regolament bażiku”) tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju li joriġina mir-RPĊ, limitat għal produttur esportatur Ċiniż wieħed Shandong Kaison Biochemical Co., Ltd (“Shandong Kaison”) mingħajr ma jiġi emendat il-livell tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ.

(3) Wara investigazzjoni tar-rieżami ta’ skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni Ewropea (“il-Kummissjoni”) tawlet il-miżuri oriġinali għal 5 snin oħrajn bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/94 ([4]) (ir-“rieżami ta’ skadenza preċedenti”).

(4) Id-dazji anti-dumping attwalment fis-seħħ huma dazji *ad valorem* stabbiliti f’perċentwal ta’ 53,2 % bl-eċċezzjoni ta’ Shandong Kaison Biochemical Co., Ltd (5,6 %) u Quingdao Kehai Biochemistry Co., Ltd (27,1 %).

### 1.2. **Talba għal rieżami ta’ skadenza**

(5) Wara l-pubblikazzjoni ta’ avviż ta’ skadenza imminenti ([5]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 965/2010 tal-25 ta’ Ottubru 2010 li jimponi dazju definittiv tal-anti-dumping u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ glukonat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 282, 28.10.2010, p. 24).

([3]) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2229 tad-9 ta’ Diċembru 2016 li ġġib fi tmiemu r-rieżami *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, limitat għal produttur esportatur Ċiniż wieħed, Shandong Kaison (ĠU L 336, 10.12.2016, p. 40).

([4]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/94 tad-19 ta’ Jannar 2017 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ glukonat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 16, 20.1.2017, p. 3).

([5]) ĠU C 25, 18.1.2022, p. 8.

(6) It-talba għal rieżami ġiet ippreżentata fid-19 ta' Ottubru 2021 minn Jungbunzlauer S.A. (Franza) ("l-applikant") f'isem l-industrija Ewropea li timmanifattura l-glukonat tas-sodju fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri probabbilment tirriżulta f'kontinwazzjoni u/jew f'rikorrenza ta' dumping u f'rikorrenza ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni.

### 1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(7) Billi ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fit-18 ta' Jannar 2022 il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza dwar l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-glukonat tas-sodju li joriġina mir-RPĊ abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]) ("in-Notifika ta' Bidu").

### 1.4. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(8) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

### 1.5. **Partijiet interessati**

(9) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-applikant, lill-produttur tal-Unjoni magħruf ieħor, lill-produtturi magħrufin fir-RPĊ u lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lill-importaturi, lill-utenti, lin-negozjanti magħrufin, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufin li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza u stednithom jipparteċipaw.

(10) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti relatati mal-kummerċ.

### 1.6. **Kampjunar**

(11) Fid-dawl tal-għadd kbir apparenti ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat u ta' importaturi mhux relatati fl-Unjoni, il-Kummissjoni ddikjarat fin-Notifika ta' bidu li hija tista' tieħu kampjun tal-produtturi esportaturi u tal-importaturi mhux relatati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

*Kampjunar tal-importaturi*

(12) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(13) L-ebda importatur mhux relatat ma pprovda l-informazzjoni mitluba. Fid-dawl tan-nuqqas ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

*Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

(14) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(15) L-ebda produttur esportatur fil-pajjiż ikkonċernat ma pprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun.

---

([6]) Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri tal-antidumping li japplikaw għall-importazzjonijiet ta' glukonat tas-sodju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 25, 18.1.2022, p. 8).

### 1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(16) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(17) Il-Kummissjoni bagħtet ittri b'links għal kwestjonarji liż-żewġ produtturi magħrufin tal-Unjoni u lil importaturi u utenti mhux relatati magħrufin. L-istess kwestjonarji saru disponibbli wkoll fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ online ([7]) fil-jum tal-bidu.

(18) Tweġibiet għall-kwestjonarju waslu mingħand il-produttur tal-Unjoni, Jungbunzlauer S.A. L-ebda importatur mhux relatat u l-ebda utent ma ppreżenta tweġiba għall-kwestjonarju.

### 1.8. **Żjarat ta' verifika**

(19) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u dannu u tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-applikant fi Franza.

## 2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Prodott taħt rieżami**

(20) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali u r-rieżami ta' skadenza preċedenti, jiġifieri l-glukonat tas-sodju niexef, bin-numru tal-Unjoni Doganali u tal-Istatistika (CUS) 0023277-9 u n-numru tar-reġistru tal-Chemical Abstracts Service (CAS) 527-07-1 ("il-prodott taħt rieżami" jew "il-glukonat tas-sodju"), li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2918 16 00 (kodiċi TARIC 2918 16 00 10).

(21) Il-glukonat tas-sodju jintuża primarjament fl-industrija tal-bini bħala ritardatur tal-għaqid u plastifikant tal-konkos u f'industriji oħrajn bħala trattament tal-wiċċ għall-metalli (tneħħija ta' sadid, ossidi u xaħam) u għat-tindif ta' fliexken u apparat industrijali. Il-prodott jista' jintuża wkoll fl-industrija tal-ikel u dik farmaċewtika.

### 2.2. **Prodott ikkonċernat**

(22) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ.

### 2.3. **Prodott simili**

(23) B'mod simili għal dak li kien ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, kif ukoll fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ u

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(24) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

([7]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2570

## 3. **DUMPING**

### 3.1. **Kummenti preliminari**

(25) Kif imsemmi fil-premessa (15), l-ebda wieħed mill-esportaturi/produtturi mir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni. Għalhekk, fil-11 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet tar-RPĊ li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku dwar is-sejbiet fir-rigward tar-RPĊ. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta f'dan ir-rigward.

(26) Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni fit-talba għal rieżami, u l-informazzjoni miksuba mill-partijiet li kkooperaw matul l-investigazzjoni tar-rieżami (jiġifieri, l-applikant) u informazzjoni minn sorsi oħrajn disponibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari l-Global Trade Atlas ("GTA") ([8]).

(27) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju mir-RPĊ komplew għalkemm f'livelli aktar baxxi milli fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali iżda ftit ogħla milli fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami tal-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza preċedenti. Skont il-Eurostat, l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju mir-RPĊ ammontaw għal [6 %–10 %] tas-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, meta mqabblin ma' sehem mis-suq ta' 24,8 % fl-investigazzjoni oriġinali u [3 %–15 %] matul ir-rieżami ta' skadenza preċedenti.

### 3.2. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ**

(28) Minħabba li kien hemm disponibbli evidenza suffiċjenti fil-bidu tal-investigazzjoni li għandha t-tendenza li turi, fir-rigward tar-RPĊ, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(29) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku qabel l-iskadenza. Sussegwentement, fil-11 ta' Lulju, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

(30) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, din jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bil-għan li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew ta' valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni u ssuġġeriet il-Kolombja f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina pajjiżi xierqa possibbli oħrajn f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

(31) Fit-22 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati permezz ta' Nota dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali ("in-Nota"), bil-Kolombja bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Hija informat ukoll lill-partijiet interessati li se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija Sucroal S.A. ("Sucroal SA"), produttur ta' prodotti fl-istess kategorija u/jew settur tal-prodott taħt rieżami, peress li l-glukonat tas-sodju ġie prodott biss fl-Unjoni Ewropea, fir-RPĊ u fl-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti").

([8]) https://www.gtis.com/gta/

(32) Fil-kummenti tiegħu għan-Nota, l-applikant sostna li l-Kummissjoni jenħtieġ li tqis ukoll fatturi oħrajn ta' produzzjonijiet użati fil-manifattura tal-glukonat tas-sodju bħall-għajnuna għall-filtrazzjoni, sustanzi kimiċi awżiljarji oħrajn, fwar, utilitajiet, manutenzjoni u oġġetti konsumabbli.

(33) Fin-Nota, il-Kummissjoni ppreżentat il-fatturi ewlenin tal-produzzjoni. Minbarra dawk il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni żiedet ukoll l-ispejjeż ġenerali kif spjegat fil-premessa (84). Barra minn hekk, meta jitqies li l-investigazzjoni attwali hija rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku li ma tirrikjedix kalkolu preċiż tal-marġni tad-dumping, iżda minflok biex tistabbilixxi l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping, il-Kummissjoni qieset li f'dan il-każ tista' tiffoka b'mod eċċezzjonali fuq il-fatturi ewlenin tal-produzzjoni għall-kalkolu tal-valur normali u għalhekk il-marġni tad-dumping. Kif iddikjarat fil-premessa (92), il-kalkolu tal-valur normali billi jintużaw biss il-fatturi ewlenin tal-produzzjoni wera dumping sinifikanti. L-inklużjoni ta' fatturi addizzjonali ta' produzzjonijiet għall-kalkolu tal-valur normali żżid il-marġni tad-dumping saħansitra aktar.

## 3.3. **Valur normali**

(34) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(35) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "[f]il-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali" minn hawn 'il quddiem "SG&A").

(36) Kif spjegat ulterjorment hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

### 3.3.1. ***Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti***

(37) Minkejja li l-Kummissjoni ma investigatx speċifikament l-esportazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju fil-kuntest tal-Artikolu 2(6a) fil-passat, fl-investigazzjonijiet reċenti dwar komposti kimiċi oħrajn, b'mod partikolari l-addittivi tal-ikel l-aċesulfam K ([9]), iċ-ċiklamat tas-sodju ([10]) u l-aspartam ([11]), il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fis-setturi kimiċi u petrokimiċi fir-RPĊ. F'dawn l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa wkoll.

(38) F'dawk l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali tal-gvern fir-RPĊ li jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([12]).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/116 tas-27 ta' Jannar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċesulfam K li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 19, 28.1.2022, p. 22).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1924 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet taċ-ċiklamat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Indoneżja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 264, 11.10.2022, p. 12).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2001 tal-21 ta' Ottubru 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aspartam li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 274, 24.10.2022, p. 24).

([12]) Ir-Regolament (UE) 2022/116, il-premessi 82–88 u 121–122, ir-Regolament (UE) 2022/1924, il-premessi 71–77 u r-Regolament (UE) 2022/2001, il-premessi 105–108.

(39) B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-setturi tal-aċesulfam K, taċ-ċiklamat tas-sodju u tal-aspartam, mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku ([13]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż, tar-Regolament bażiku ([14]).

(40) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett distorsiv addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([15]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet b'mod partikolari meta jiġu miżmuma ħajjin ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([16]).

(41) Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-setturi tal-aċesulfam K, taċ-ċiklamat tas-sodju u tal-aspartam fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku ([17]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fir-RPĊ ([18]).

(42) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti rigward l-aċesulfam K, iċ-ċiklamat tas-sodju u l-aspartam, fl-investigazzjoni preżenti, il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fit-talba għal rieżami kif ukoll fir-Rapport ([19]), li hija bbażata fuq sorsi pubblikament disponibbli. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott taħt rieżami. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif misjub ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.

(43) It-talba għal rieżami f'dan il-każ irreferiet għar-Rapport, li jsemmi distorsjonijiet dwar il-fatturi ewlenin tal-produzzjoni, bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera. Barra minn hekk, fir-rigward tas-settur tal-glukonat tas-sodju b'mod partikolari, it-talba ssottolinjat li l-produtturi fiċ-Ċina huma interkonnessi mill-qrib mal-Istat Ċiniż, u ssemmi bħala eżempju lil Xiwang Sugar, it-tielet l-akbar produttur tal-glukonat tas-sodju. It-talba pprovdiet każijiet ta' relazzjonijiet mill-qrib ta' Xiwang Sugar mal-Istat, u ssemmi diversi titoli mogħtija lill-kumpanija, kif elenkati fuq is-sit web tal-kumpanija: "intrapriża ewlenija nazzjonali fl-industrijalizzazzjoni

([13]) Ir-Regolament (UE) 2022/116, il-premessi 91–92, ir-Regolament (UE) 2022/1924, il-premessi 55–56 u r-Regolament (UE) 2022/2001, il-premessa 94.

([14]) Ir-Regolament (UE) 2022/116, il-premessi 93–94, 96, ir-Regolament (UE) 2022/1924, il-premessi 57–61 u r-Regolament (UE) 2022/2001, il-premessi 95–96: Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal ewlieni tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw kanal importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, minn tal-anqas mill-2016 'l hawn is-CCP saħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u biex isegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-aċesulfam K u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

([15]) Ir-Regolament (UE) 2022/116, il-premessi 97–100, ir-Regolament (UE) 2022/1924, il-premessi 62–67 u r-Regolament (UE) 2022/2001, il-premessi 97–101.

([16]) Ir-Regolament (UE) 2022/116, il-premessi 101–104, ir-Regolament (UE) 2022/1924, il-premessa 68 u r-Regolament (UE) 2022/2001, il-premessa 102.

([17]) Ir-Regolament (UE) 2022/116, il-premessi 105–106, ir-Regolament (UE) 2022/1924, il-premessa 69 u r-Regolament (UE) 2022/2001, il-premessa 103.

([18]) Ir-Regolament (UE) 2022/116, il-premessi 107–117, ir-Regolament (UE) 2022/1924, il-premessa 70 u r-Regolament (UE) 2022/2001, il-premessa 104.

([19]) Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 483 final/2, 20.12.2017, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2017)483&lang=en

agrikola", "intrapriża nazzjonali li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent" u "intrapriża ewlenija ta' teknoloġija avvanzata fil-Pjan ta' strateġija nazzjonali (Torch Plan)". Din rebħet it-titoli ta' "organizzazzjoni tal-partit bażi nazzjonali avvanzata", "l-ewwel post fl-industrija nazzjonali taz-zokkor tal-lamtu", "l-aqwa 10 intrapriżi fl-industrija tal-fermentazzjoni taċ-Ċina tal-industrija ħafifa", "l-aqwa 100 intrapriża fl-industrija tal-ikel taċ-Ċina." Barra minn hekk, it-talba telenka għadd ta' membri tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP") irrappreżentati fil-maniġment tal-kumpanija ([20]).

(44) Barra minn hekk, it-talba ddikjarat li l-Belt ta' Zhucheng hija azzjonist ewlieni fil-kumpanija azzjonarja ta' Xingmao Corn Developing, it-tieni l-akbar produttur Ċiniż tal-glukonat tas-sodju. Din l-intrapriża ngħatat ukoll diversi premji u ħadet sehem f'għadd ta' proġetti nazzjonali, inklużi: "intrapriżi nazzjonali ta' teknoloġija avvanzata u l-intrapriża ewlenija Ċiniża ta' Patent Shandong, il-kumpanija lestiet aktar minn 10 proġetti, bħal 'fifteen', 'eleven five', '863' nazzjonali, it-trasformazzjoni tal-Istat, il-Programm State Torch, il-Programm Spark, il-pjan ta' riċerka xjentifika nazzjonali tal-Provinċja ta' Shandong ([21])."

(45) Barra minn hekk, it-talba spjegat li diversi kumpaniji huma l-hekk imsejħa intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata bil-privileġġi korrispondenti, bħall-akbar produttur tal-glukonat tas-sodju, Shandong Fuyang Biotechnology, it-tieni l-akbar produttur Zhucheng Xingmao Corn Developing Co., Ltd, u t-tielet l-akbar produttur Shandong Xiwang sugar.

(46) It-talba ssottolinjat li hemm ukoll entranti ġodda fis-suq tal-glukonat tas-sodju li huma intrapriżi tal-Istat ("SOEs"), pereżempju l-kumpanija l-ġdida Heilongjiang Zhonglang Biotech Co., Ltd. għandha bħala azzjonist maġġoritarju lil Qitaihe City Construction Investment Development Co., Ltd., kumpanija miżmuma mill-awtoritajiet lokali. Minbarra dan, Qingdao Kehai Biochemical Co., Ltd. għandha ċertu sfond tal-gvern ([22]). Barra minn hekk, it-talba spjegat li hemm ukoll SOEs li jfornu l-materjali ewlenin meħtieġa għall-produzzjoni tal-glukonat tas-sodju, bħal lamtu tal-qamħirrum, soda kawstika jew enerġija. Eżempju ta' dan hija COFCO Biotech, SOE u produttur ewlieni tal-lamtu tal-qamħirrum. Zhucheng Xingmao Corn Developting (ara l-premessa (45)) hija produttur ewlieni ieħor tal-lamtu tal-qamħirrum.

(47) Fir-rigward tad-dokumenti ta' politika fis-seħħ, it-talba semmiet li skont l-14-il Pjan ta' Ħames Snin, l-Istat huwa ddeterminat li jżomm is-superviżjoni stretta fuq l-industrija kimika.

(48) It-talba indikat li diġà nstabu distorsjonijiet fil-passat fis-settur kimiku mill-Kummissjoni f'għadd ta' investigazzjonijiet ([23]). Barra minn hekk, Investigazzjoni dwar id-Dazju Kumpensatorju mwettqa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti żvelat l-eżistenza ta' għadd ta' distorsjonijiet fis-settur ([24]).

([20]) Ara t-talba, paġni 19–20.

([21]) Ara t-talba, paġna 20.

([22]) Ara t-talba, paġna 20.

([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/633 tal-14 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 63); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/607 tal-14 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għall-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku kkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 129, 15.4.2021, p. 73); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/441 tal-11 ta' Marzu 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu sulfaniliku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 85, 12.3.2021, p. 154); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkohols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 315, 29.9.2020, p. 1); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/39 tas-16 ta' Jannar 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-perossosulfati (persulfati) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 13, 17.1.2020, p. 18).

([24]) Ara l-Memorandum ta' Deċiżjoni għad-Determinazzjoni Affermattiva Preliminari US DOC, ITA: Investigazzjoni dwar id-Dazju Kumpensatorju tal-Glukonat tas-Sodju, l-aċidu glukoniku u l-prodotti derivattivi (GNA) mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, it-2 ta' Mejju 2018; Memorandum dwar il-Kwistjonijiet u d-Deċiżjoni għad-Determinazzjoni Affermattiva Finali fl-Investigazzjoni dwar id-Dazju Kumpensatorju tal-Glukonat tas-Sodju, l-aċidu glukoniku u l-prodotti derivattivi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, is-17 ta' Settembru 2018.

(49) L-investigazzjoni żvelat li fis-settur tal-glukonat tas-sodju, ċertu grad ta' sjieda u kontroll mill-GTĊ jippersisti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku, inkluż fl-intrapriżi li ġejjin li jipproduċu l-glukonat tas-sodju li, filwaqt li ma humiex SOEs sħaħ, għandhom proporzjon importanti ta' parteċipazzjoni azzjonarja diretta u indiretta tal-istat: Xingmao Corn Developing u Heilongjiang Zhonglang Biotech.

(50) Fir-rigward tal-GTĊ li jinsab f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat f'ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż, tar-Regolament bażiku, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonstatat l-eżistenza ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi tal-prodott taħt rieżami u s-CCP, kemm fost l-assoċjazzjonijiet tal-industrija li jirrappreżentaw il-produtturi tal-glukonat tas-sodju u tal-lamtu tal-qamħirrum kif ukoll fost l-intrapriżi li jimmanifatturaw.

(51) Ġie stabbilit li xi produtturi tal-glukonat tas-sodju huma membri attivi tal-Assoċjazzjoni Ċiniża tal-Addittivi u l-Ingredjenti tal-Ikel ("CFAA"), li fl-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tagħha tistipula dan li ġej: "Artikolu 3: L-Assoċjazzjoni taderixxi mat-tmexxija ġenerali tal-Partit Komunista taċ-Ċina, u, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, tistabbilixxi organizzazzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, tiżviluppa attivitajiet tal-Partit, u tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit. L-awtorità ta' reġistrazzjoni u ġestjoni tal-Assoċjazzjoni hija l-Ministeru tal-Affarijiet Ċivili tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u l-awtorità ewlenija għall-bini tal-Partit hija l-Kumitat tal-Partit tas-Superviżjoni tal-Assi tal-Istat u l-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill tal-Istat. L-Assoċjazzjoni taċċetta l-gwida tan-negozju, is-superviżjoni u l-ġestjoni tal-awtorità tar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, l-awtorità ewlenija tal-bini tal-partit, u tad-dipartimenti rilevanti tal-ġestjoni tal-industrija. […] Artikolu 22: L-elezzjoni u t-tneħħija tad-diretturi: (1) L-ewwel diretturi għandhom jiġu nnominati b'mod konġunt mill-membri tal-assoċjazzjoni mal-istabbiliment, u għandhom jiġu eletti mill-assemblea rappreżentattiva tal-membri wara li jiġu approvati mit-tmexxija tal-bini tal-Partit."

(52) L-assoċjazzjoni tal-industrija li tirrappreżenta l-produtturi tal-lamtu tal-qamħirrum, li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-glukonat tas-sodju, hija l-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Lamtu taċ-Ċina ("CSIA"). Hija telenka fl-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tagħha l-prinċipji li ġejjin fl-Artikolu 3: "Din l-entità taderixxi mat-tmexxija ġenerali tal-Partit Komunista taċ-Ċina, tistabbilixxi organizzazzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, u, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Partit Komunista taċ-Ċina, tiżviluppa attivitajiet tal-partit u tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. L-awtorità ta' reġistrazzjoni ta' din l-entità hija l-Ministeru tal-Affarijiet Ċivili, u l-awtorità ewlenija għall-bini tal-partit hija l-Kumitat tal-Partit tas-Superviżjoni tal-Assi tal-Istat u l-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill tal-Istat. L-entità taċċetta l-gwida tan-negozju u s-superviżjoni u l-ġestjoni tal-aġenziji tal-ġestjoni tar-reġistrazzjoni, tal-aġenziji ewlenin tal-bini tal-partit, u tad-dipartimenti rilevanti tal-ġestjoni tal-industrija ([25])."

(53) Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur tal-glukonat tas-sodju huma soġġetti għal superviżjoni u għal gwida tal-politika. Il-produtturi tal-prodott taħt rieżami jenfasizzaw b'mod espliċitu l-attivitajiet ta' bini tal-Partit fuq is-siti web tagħhom, għandhom membri tal-Partit fil-maniġment tal-kumpanija u jissottolinjaw l-affiljazzjoni tagħhom mas-CCP. L-investigazzjoni żvelat attivitajiet ta' bini tal-Partit f'Shandong Fuyang Biotechnology. Il-kumpanija pparteċipat f'attivitajiet ta' bini tal-Partit organizzati f'Awwissu 2022 mis-CSIA għall-intrapriżi membri tagħha. L-attivitajiet twettqu bl-għanijiet li ġejjin: "Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp integrat tal-bini tal-partiti fl-industrija flimkien mal-ħidma tan-negozju tal-intrapriżi, [aħna għandna] naderixxu mat-tmexxija tal-bini tal-partit, nipprattikaw ir-rekwiżiti ġenerali li 'navviċinaw il-livell lokali, nattendu għal klassijiet tal-partit, nipprattikaw l-aspirazzjonijiet oriġinali, inwettqu riċerka u nsolvu l-problemi, u nrawmu bis-sħiħ fażi ġdida fl-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-lamtu' ([26])". Barra minn hekk, il-President ta' Shandong Fuyang Biotechnology jissottolinja r-rabtiet tal-kumpanija tiegħu mal-Istat u mas-CCP bil-mod li ġej: "F'dawn l-aħħar snin, taħt it-tmexxija b'saħħitha tal-kumitati u l-gvernijiet tal-partit tal-belt u tal-kontea, Fuyang Biotech żammet momentum ta' żvilupp kostanti permezz ta' ġestjoni rfinata u skoperti innovattivi. […] mingħajr l-appoġġ qawwi tal-kumitat tal-partit lokali u tal-gvern, l-intrapriża ma kinitx tkun fejn hija llum. Speċjalment mis-sena l-oħra, meta l-belt ħarġet ħafna politiki u miżuri li jibbenefikaw minnhom l-intrapriżi, bħall-'Pjan ta' Azzjoni ta' 3 Snin', '20 Opinjoni għal Belt Industrijalizzata Ġdida' u 'Politika ta' appoġġ għall-Aqwa 50 Intrapriża kontibwenti u l-Aqwa 50 Intrapriża li jikkontribwixxu soċjalment'. (…) Din saħħet ukoll il-fiduċja u d-determinazzjoni tagħna biex nespandu u nħaffu l-iżvilupp tagħna ([27])."

([25]) L-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tas-CSIA disponibbli fuq: http://www.siacn.org/

([26]) Ara l-artiklu fuq is-sit web tas-CSIA: https://www.siacn.org.cn/ds/2209ce7a3f.html

([27]) China Industrial Economic Information Network, "Diskors ta' Intraprenditur Privat| Zhang Dada, President ta' Shandong Fuyang Biotechnology Co., Ltd.: Il-promozzjoni tal-kostruzzjoni ta' proġetti ta' teknoloġija avvanzata u l-bini tal-aqwa bażi ta' manifattura ta' prodotti bijoloġiċi fid-dinja", ippubblikat fis-16 ta' Awwissu 2021 (test oriġinali biċ-Ċiniż), disponibbli fuq: http://www.cinic.org.cn/xy/dezhou/cjgc/1139848.html

(54) Produttur ieħor tal-glukonat tas-sodju, Shandong Xiwang Sugar, jiddeskrivi r-rwol tal-attivitajiet ta' bini tal-Partit b'dan il-mod: "Huwa rrapportat li Xiwang Sugar dejjem qieset ix-xogħol ta' bini tal-partit bħala kompitu importanti. Minbarra li wettqet attivitajiet regolari ta' bini tal-partit, hi mmobilizzat ukoll b'mod attiv lill-membri tal-partit biex jidħlu fil-fond fil-linja tal-produzzjoni u jsolvu problemi li jinħolqu, biex l-organizzazzjoni tal-partit tiġi involuta bis-sħiħ bħala fortizza ta' ġlied u bdiet ukoll perkors speċifiku ta' żvilupp li jiżgura l-koordinazzjoni tal-bini tal-partit u tal-produzzjoni kif ukoll it-tisħiħ reċiproku tagħhom".

(55) Barra minn hekk, politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż, tar-Regolament bażiku huma stabbiliti fis-settur tal-glukonat tas-sodju. L-industrija tal-glukonat tas-sodju hija koperta minn għadd ta' pjanijiet, direttivi u dokumenti oħrajn iffokati fuq is-sustanzi kimiċi, inklużi l-addittivi tal-ikel, li jinħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali. Pereżempju, l-14-il Pjan ta' Ħames Snin ("FYP") dwar l-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, il-FYP ġenerali u globali li jistabbilixxi l-għanijiet għall-5 snin koperti minnu, jagħti rwol importanti lill-industrija kimika: "It-Taqsima VIII-3: It-tħaffif tat-trasformazzjoni u t-titjib tal-intrapriżi f'industriji ewlenin bħall-industrija tas-sustanzi kimiċi ([28])".

(56) L-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima jelenka l-ambizzjonijiet teknoloġiċi stabbiliti fl-14-il FYP dwar l-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali bil-mod li ġej: "Tabella 1 Linji Gwida Ewlenin dwar l-Innovazzjoni Teknoloġika fis-Setturi Petrokimiċi u Kimiċi. […] it-trawwim tat-tħejjija ta' ktajjen komprensivi tal-industrija ta' materjali b'bażi bijoloġika ([29])".

(57) Barra minn hekk, l-involviment tal-Istat fl-iżvilupp tal-industrija kimika huwa inkluż ukoll fl-Opinjonijiet Gwida għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industriji Petrokimiċi u Kimiċi matul l-14-il FYP: "Taqsima III.5 (5) It-tħaffif tat-trasformazzjoni u t-titjib tal-industrija u l-kompetittività tagħha. L-aġġornament b'mod dinamiku tal-katalgu tat-teknoloġiji u l-prodotti li l-industrija petrokimika u kimika hija mħeġġa tippromwovi u tapplika ([30])".

(58) Barra minn hekk, l-Avviż ta' Diversi Miżuri ta' Politika biex Jappoġġaw l-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Ipproċessar fil-Fond tal-Prodotti Agrikoli tal-2018 tal-"MOA + 15-il amministrazzjoni" jistabbilixxi dan li ġej: "1. L-ottimizzazzjoni tal-istruttura tal-industrija. L-organizzazzjoni u l-promozzjoni tal-iżvilupp koordinat tal-ipproċessar intensiv tal-prodotti agrikoli bl-ipproċessar primarju u bl-użu komprensiv tagħhom u l-iżgurar tal-konnessjoni mal-industriji upstream u downstream bħall-produzzjoni ta' materja prima speċifika, … Il-monitoraġġ u l-analiżi regolari tat-tqassim tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-ipproċessar intensiv u l-użu komprensiv ta' prodotti agrikoli fi kwantitajiet kbar, il-gwida tat-trasformazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni żejda u l-aċċellerazzjoni tal-kostruzzjoni tan-nuqqas ta' kapaċità tal-produzzjoni, kif ukoll l-ottimizzazzjoni tat-tqassim tal-katina tal-industrija. Iż-żieda tal-valur miżjud tal-ipproċessar tal-qamħirrum, speċjalment fix-Xlokk taċ-Ċina ([31])".

(59) Barra minn hekk, fil-livell reġjonali, hemm strumenti li jistabbilixxu l-intervent tal-Istat fl-industrija tal-glukonat tas-sodju. Pereżempju, il-provinċja ta' Shandong ippubblikat Avviż ta' Pjan li Jrawwem il-Bini ta' Provinċja Agrikola b'Saħħitha (2021–2025) li jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin li jirregolaw is-settur agrikolu, li huwa rilevanti wkoll għall-produtturi tal-glukonat tas-sodju kif ukoll għall-produtturi tal-materja prima ewlenija, li huwa x-xropp tal-glukożju: "(1) Ideoloġija gwida. Immexxija mill-Ħsieb ta' Xi Jinping dwar is-Soċjaliżmu b'Karatteristiċi Ċiniżi għal Era Ġdida, l-implimentazzjoni bir-reqqa tal-ispirtu tad-19-il Kungress Nazzjonali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u t-Tieni, it-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Sessjonijiet Plenarji tad-19-il Kumitat Ċentrali, u l-implimentazzjoni bis-sħiħ tal-interventi importanti tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping dwar il-ħidma fuq l-għanijiet tal-'agrikoltura, taż-żoni rurali u tal-bdiewa […]. Sal-2025, għandha tinkiseb skoperta importanti fil-kostruzzjoni ta' Shandong bħala provinċja agrikola moderna. Il-valur totali tal-output tal-agrikoltura, tal-forestrija, tat-trobbija tal-annimali u tas-sajd tal-provinċja se jilħaq aktar minn RMB 1,3 triljun, il-valur miżjud se jaqbeż l-RMB 690 biljun (…) għandha tinbena provinċja b'saħħitha fl-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, b'introjtu operatorju annwali li jaqbeż l-RMB 3,3 triljun u

([28]) It-test sħiħ tal-14-il Pjan ta' Ħames Snin ("FYP") dwar l-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali disponibbli fuq: https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/ghwb/202103/t20210323_1270124.html?code=&state=123

([29]) Test sħiħ tal-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima disponibbli fuq: https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/tz/art/2021/art_2960538d19e34c66a5eb8d01b74cbb20.html

([30]) Test sħiħ tal-Opinjonijiet Gwida għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industriji Petrokimiċi u Kimiċi matul l-14-il FYP disponibbli fuq: http://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2022-04/08/content_5683972.htm#msdynttrid=WRmyf07ph0z74SHmXoOLKjRWl09BdZ4lGdYp9fI9xU

([31]) Test sħiħ tal-Avviż ta' Diversi Miżuri ta' Politika biex Jappoġġaw l-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Ipproċessar fil-Fond tal-Prodotti Agrikoli tal-"MOA + 15-il amministrazzjoni" disponibbli fuq: http://www.xccys.moa.gov.cn/gzdt/201901/t20190102_6314547.htm

l-proporzjon tal-valur tal-output tal-industrija tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli mal-valur tal-output agrikolu totali għandu jaqbeż it-3:1; il-bini ta' provinċja bi żvilupp agrikolu b'saħħtu, li l-volum tal-esportazzjoni tagħha tal-prodotti agrikoli qed ikompli jikber b'mod kostanti u li hija l-provinċja ewlenija tal-pajjiż, u anke l-bini ta' għadd ta' kontej u bliet b'saħħithom li huma orjentati lejn l-esportazzjonijiet agrikoli' ([32])". Il-pjan jindika wkoll għanijiet speċifiċi fir-rigward tal-iżvilupp u l-post futuri tal-intrapriżi: "il-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli fiż-żona tal-produzzjoni u l-iżgurar li dan ikun ikkonċentrat fil-parks; il-gwida lill-intrapriżi tal-ipproċessar biex jinġabru fi bliet ċentrali u f'villaġġi speċjalizzati, il-bini ta' aktar minn 100 park industrijali agrikolu modern nazzjonali u provinċjali u 1 000 distrett agrikolu b'saħħtu".

(60) Barra minn hekk, il-glukonat tas-sodju huwa elenkat b'mod espliċitu fl-għanijiet ta' żvilupp tal-14-il FYP tal-provinċja ta' Heilongjiang dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Qamħirrum. B'mod aktar speċifiku, il-pjan jinvolvi l-ħolqien ta' raggruppamenti industrijali fiż-żoni tal-ipproċessar tal-qamħirrum tal-provinċja, inklużi l-produtturi tal-glukonat tas-sodju ([33]). Heilongjiang tiddeskrivi wkoll l-għan tagħha ta' żvilupp tal-industrija tal-ipproċessar tal-qamħirrum bil-mod li ġej: "It-titjib tal-katina industrijali qed isir mod importanti għall-Provinċja ta' Heilongjiang biex jiġi promoss l-iżvilupp tal-industrija agrikola. Skont il-persunal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali tal-Provinċja ta' Heilongjiang, il-Provinċja ta' Heilongjiang attwalment qiegħda timplimenta l-'kunċett tal-industrija' abbażi tal-ħatra ta' 'kap ta' katina tal-industrija' fejn pereżempju l-'kap tal-katina tal-industrija tal-qamħirrum' huwa responsabbli għall-organizzazzjoni ta' stħarriġiet u riċerka, għat-tfassil ta' pjanijiet għall-iżvilupp tal-industrija, għall-iżgurar tal-koordinazzjoni u għas-soluzzjoni tal-problemi, għat-twettiq ta' promozzjoni mmirata tal-investiment, u għat-trawwim tal-industrija tal-qamħirrum biex issir akbar u aktar b'saħħitha ([34])." L-output ippjanat għall-2021 kien jinkludi 3,4 miljun tunnellata ta' kapaċità tal-ipproċessar tal-qamħirrum, b'1,8 miljun tunnellata ta' lamtu tal-qamħirrum ipproċessat. Il-mira għall-valur tal-output fl-2021 ġiet stabbilita għal RMB 10 biljun ([35]). L-iżvilupp tal-proġett industrijali appoġġat mill-Istat tal-glukonat tas-sodju f'Heilongjiang għadu għaddej u ta' suċċess, skont rapport fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Agrikoltura: "S'issa, l-industrija tal-ipproċessar tal-qamħirrum tal-Kontea ta' Qinggang akkumulat investiment li jaqbeż l-RMB 6 biljun b'kollox, u bdiet b'mod suċċessiv bil-kostruzzjoni ta' proġetti tal-lamtu, [...], glukożju likwidu, glukonat tas-sodju, ... u serje oħra ta' 29 proġett industrijali ([36])".

(61) Il-provinċja ta' Jilin tinkludi wkoll il-glukonat tas-sodju fost l-industriji appoġġati tagħha. L-14-il FYP tal-Provinċja ta' Jilin dwar l-Industriji Strateġiċi u Emerġenti jikkonferma l-prijorità mogħtija lill-bijoindustrija: "It-titjib tal-livell ta' industrijalizzazzjoni bijokimika. It-titjib tal-kapaċità tat-trasformazzjoni tal-qamħirrum, l-iżvilupp attiv tal-ipproċessar fil-fond u s-sostituzzjoni tal-materja prima ([37])." Il-provinċja ta' Jilin nediet proġett ta' żvilupp kbir għall-glukonat tas-sodju. Kif imħabbar fuq is-sit web tal-provinċja ta' Jilin: "Tħabbar proġett ta' 100 000 tunnellata/sena ta' glukonat tas-sodju. Bħala industrija ġdida, l-industrija tal-glukonat tas-sodju qiegħda tiżviluppa malajr. F'dawn l-aħħar 10 snin, l-output tal-industrija domestika tal-glukonat tas-sodju żamm rata ta' tkabbir aggregata ta' kważi 33 %. Iċ-Ċina saret produttur u esportatur importanti fid-dinja, b'kapaċità ta' produzzjoni annwali totali ta' aktar minn 600 000 tunnellata. Il-pjan ġenerali għall-iżvilupp ta' industriji emerġenti strateġiċi tal-pajjiż inħareġ, u l-industrija bijoloġika ġiet elenkata fosthom. L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' proċessi ġodda, teknoloġiji ġodda u tagħmir ġdid fetħu spazju ġdid għall-iżvilupp tal-industrija tal-glukonat tas-sodju. [...] il-Provinċja ta' Jilin, iż-Żona ta' Żvilupp Ekonomiku ta' Lishu, tibbenefika mis-sensiela l-ġdida ta' miżuri nazzjonali biex tiġi stimulata d-domanda domestika fil-ħin u tibbaża fuq il-vantaġġi tal-park eżistenti tal-industrija kimika fiż-żona ta' żvilupp u tipproponi output annwali ta' 100 elf tunnellata ta' glukonat tas-sodju. Il-proġett se [...], jottimizza ulterjorment l-istruttura industrijali taż-żona tal-iżvilupp ekonomiku, [...], u se jespandi l-volum ekonomiku totali, li għandu sinifikat kbir, profond, prattiku u storiku għall-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' industrijalizzazzjoni tal-Kontea ta' Lishu. Għalhekk, il-prospetti tas-suq għal dan il-proġett huma ottimisti ([38])."

([32]) L-Artikolu 1 tal-Avviż ta' Pjan tal-provinċja ta' Shandong li jrawwem il-bini ta' provinċja agrikola b'saħħitha (2021—2025). Test sħiħ tad-dokument disponibbli fuq: http://www.shandong.gov.cn/art/2021/10/28/art_107851_114919.html
([33]) L-14-il FYP tal-provinċja ta' Heilongjiang dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Qamħirrum, kaxxa 3.3. Test sħiħ disponibbli fuq: https://zwgk.hlj.gov.cn/zwgk/publicInfo/detail?id=450171
([34]) Ara s-sit web tal-Ministeru tal-Agrikoltura: http://www.moa.gov.cn/xw/qg/202012/t20201207_6357665.htm
([35]) Ara s-sit web tal-Ministeru tal-Agrikoltura: http://www.moa.gov.cn/xw/qg/202206/t20220614_6402372.htm
([36]) http://www.moa.gov.cn/xw/qg/202206/t20220614_6402372.htm
([37]) L-Artikolu 3.4. Test sħiħ tad-dokument ippubblikat fuq is-sit web tal-gvern Jilin: http://xxgk.jl.gov.cn/szf/gkml/202112/t20211227_8357122.html
([38]) Ara s-sit web tal-provinċja ta' Jilin: http://www.jl.gov.cn/szfzt/tzcj/zdxm/ncpjg/201902/t20190215_5605767.html

(62) Kif jista' jiġi osservat mill-eżempji msemmija hawn fuq, il-GTĊ jiggwida l-iżvilupp tas-settur tal-glukonat tas-sodju f'konformità ma' firxa wiesgħa ta' għodod ta' politika u direttivi u jikkontrolla virtwalment kull aspett fl-iżvilupp u fil-funzjonament tas-settur. B'hekk, l-industrija tal-glukonat tas-sodju tibbenefika minn gwida u intervent governattivi dwar il-materja prima ewlenija, jiġifieri l-lamtu tal-qamħirrum.

(63) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri stabbiliti biex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-politika pubblika li jappoġġaw lill-industriji mħeġġa, inkluża l-produzzjoni tal-lamtu tal-qamħirrum bħala l-materja prima ewlenija li tintuża fil-manifattura tal-prodott taħt rieżami. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

(64) Din l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda evidenza li l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku fis-settur tal-glukonat tas-sodju msemmi hawn fuq fil-premessa (40) ma jaffettwawx lill-manifatturi tal-prodott taħt rieżami.

(65) Is-settur tal-glukonat tas-sodju huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (41). Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw lis-settur kemm direttament (waqt il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami jew tal-inputs ewlenin), kif ukoll indirettament (waqt li jkun hemm aċċess għall-kapital jew għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema lavorattiva fir-RPĊ).

(66) Barra minn hekk, ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza f'din l-investigazzjoni li turi li s-settur tal-glukonat tas-sodju ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (41). Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

(67) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott taħt rieżami, huma meħtieġa għadd ta' inputs. Meta l-produtturi tal-prodott taħt rieżami jixtru jew jikkuntrattaw għal dawn l-inputs, il-prezzijiet li jitħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet; huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital; u huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(68) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott taħt rieżami ma humiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet A u B tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz tat-taħlita ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

(69) F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw xi evidenza jew argument li juru l-kuntrarju.

(70) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħielsa minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ. Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet biex taħdem il-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsima li ġejja.

3.3.2. ***Pajjiż rappreżentattiv***

3.3.2.1. *Kummenti ġenerali*

(71) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji ([39]);

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż ([40]);

— Id-disponibbiltà tad-*data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv;

— F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, jenħtieġ li tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiż li jkollu livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(72) Kif spjegat fil-premessa (31), il-Kummissjoni ħarġet Nota dwar is-sorsi rilevanti li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-valur normali. Din in-Nota ddeskriviet il-fatti u l-evidenza sottostanti tal-kriterji rilevanti. In-Nota informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tqis lill-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk tiġi kkonfermata l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(73) F'konformità mal-kriterji elenkati fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni identifikat lill-Kolombja bħala pajjiż b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ għaliex kienet issuġġerita mill-applikant fit-talba għal rieżami. Il-Kolombja hija kklassifikata mill-Bank Dinji bħala pajjiż b'"introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross. Minħabba li la l-Istati Uniti u lanqas l-UE ma għandhom livell simili ta' żvilupp bħar-RPĊ, il-Kummissjoni ffokat fuq prodott fl-istess kategorija u/jew settur tal-prodott taħt rieżami u stabbiliet li kien hemm produzzjoni ta' aċidi tal-frott li jseħħu b'mod naturali li jappartjenu għall-istess kategorija ġenerali bħall-prodott taħt rieżami fil-Kolombja u d-*data* rilevanti kienet faċilment disponibbli.

(74) Fl-aħħar nett, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni u wara li ġie stabbilit li l-Kolombja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, l-aħħar sentenza tar-Regolament bażiku.

3.3.2.2. *Konklużjoni*

(75) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, kif propost fit-talba għal rieżami ta' skadenza u minħabba li l-Kolombja ssodisfat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet lill-Kolombja bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.3.3. ***Sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni***

(76) Fin-Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-produtturi esportaturi. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-Global Trade Atlas ("GTA") biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi tal-produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża informazzjoni minn: l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO") għall-istabbiliment ta' kostijiet mingħajr distorsjoni tat-tariffi tal-manodopera u dawk pubbliċi mill-fornituri tal-elettriku fil-Kolombja.

(77) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ddikjarat li biex tistabbilixxi l-kostijiet u l-profitt tal-SG&A, hija tuża d-*data* finanzjarja minn produttur Kolombjan ta' prodotti mill-istess kategorija bħall-prodott taħt rieżami, kif stabbilit fil-premessa (31).

([39]) Id-*Data* Miftuħa tal-Bank Dinji — Introjtu Medju Superjuri, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income
([40]) Jekk ma jkun hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fi kwalunkwe pajjiż li jkollu livell simili ta' żvilupp, tista' titqies il-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur tal-prodott taħt rieżami.

3.3.3.1. *Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni*

3.3.3.1.1. Fatturi ta' produzzjoni

(78) Meta titqies l-informazzjoni kollha bbażata fuq it-talba u l-informazzjoni sussegwenti miġbura matul il-proċediment, il-fatturi tal-produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

*Tabella 1*

**Fatturi ta' produzzjoni tal-glukonat tas-sodju**

| Fattur ta' Produzzjoni | Kodiċi tal-Komodità fil-Kolombja | Valur mingħajr distorsjoni (RMB) | Unità ta' kejl |
|---|---|---|---|
| *Materja prima* | | | |
| Xropp tal-glukożju | 17023010<br>17023020<br>17023090 | 5,72 | kg |
| Soda kawstika | 28151200 | 1,46 | kg |
| *Manodopera* | | | |
| Kost tal-manodopera għal kull siegħa ta' xogħol | Mhux Applikabbli | 13,41 | siegħa |
| *Enerġija* | | | |
| Elettriku | Mhux Applikabbli | 0,77 | Kwh |

*Materja prima*

(79) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjata sal-bieb tal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni. Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([41]). Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li fit-taqsima 3.3.1 din ikkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Wara li ġew esklużi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn baqa' rappreżentattiv.

(80) Normalment, ma' dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni jenħtieġ li jiżdiedu l-prezzijiet tat-trasport domestiku wkoll. Madankollu, meta titqies in-natura ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, li hija ffokata fuq is-sejba ta' jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew jekk jistax jerġa' jseħħ, aktar milli jinstab id-daqs eżatt tiegħu, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn li jsiru aġġustamenti għat-trasport domestiku. Tali aġġustamenti jirriżultaw biss f'żieda tal-valur normali u, b'hekk, tal-marġni tad-dumping.

([41]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali u, fi kwalunkwe każ, tali *data* dwar l-importazzjoni kienet negliġibbli.

*Manodopera*

(81) Il-Kummissjoni użat l-istatistika tal-ILO biex tiddetermina l-pagi fil-Kolombja ([42]). Din tipprovdi informazzjoni dwar il-pagi ta' kull xahar tal-impjegati fis-settur tal-manifattura u s-sigħat medji ta' kull ġimgħa li ħadmu fil-Kolombja fil-perjodu ta' investigazzjoni (is-sena 2021).

*Elettriku*

(82) Għall-elettriku, il-Kummissjoni użat il-formola tal-prezz faċilment disponibbli ta' Enel ([43]), il-fornitur ewlieni tal-elettriku fil-Kolombja. Dan is-sors jipprovdi prezz medju uniku tal-elettriku fix-xahar.

3.3.3.1.2. Kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A, profitti u deprezzament

(83) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(84) Sabiex tistabbilixxi valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, abbażi tad-*data* pprovduta mill-applikant, il-Kummissjoni stabbiliet il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura għall-kostijiet totali tal-manifattura u tal-manodopera. Imbagħad, dan il-perċentwal ġie applikat għall-valur mingħajr distorsjoni tal-kost tal-manifattura biex jinkiseb il-valur mingħajr distorsjoni tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura.

(85) Għall-istabbiliment ta' ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-SG&A u l-profitt, il-Kummissjoni bbażat fuq l-aktar *data* finanzjarja reċenti disponibbli li l-kumpanija fil-Kolombja li kienet ġiet identifikata fin-Nota bħala produttur attiv u profittabbli ta' prodotti fil-kategorija simili bħall-glukonat tas-sodju kif ukoll l-erba' produtturi Kolombjani addizzjonali ta' prodotti fil-kategorija simili għal dik tal-glukonat tas-sodju ssuġġeriti mill-applikant fil-kummenti tiegħu għan-Nota. Għas-sena finanzjarja 2021 intużat id-*data* finanzjarja għall-kumpaniji li ġejjin kif estratta minn Orbis Bureau van Dijk: Sucroal SA, DSM Nutritional Products Colombia SA, Fonandes SAS, Nutresol SAS u Quimica International Quintal SA.

3.3.3.2. *Kalkolu tal-valur normali*

(86) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(87) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami dwar l-użu ta' kull fattur (il-materjali u l-manodopera) għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami.

(88) Ladarba ġie stabbilit il-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profitt kif innotat fil-premessi (84) u (85). L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura ġew iddeterminati abbażi tad-*data* pprovduta mill-applikant. L-SG&A u l-profitt ġew iddeterminati abbażi tad-*data* finanzjarja medja ta' ħames produtturi Kolombjani rappreżentattivi ta' prodotti fil-kategorija simili bħall-glukonat tas-sodju għas-sena 2021 kif irrapportat fir-rapporti finanzjarji tal-kumpanija. Il-Kummissjoni żiedet l-entrati li ġejjin fil-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura:

— L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, li b'kollox kienu jammontaw għal 13 % tal-kostijiet diretti tal-manifattura,

— l-SG&A u kostijiet oħrajn, li ammontaw għal 19,44 % tal-Kostijiet tal-Oġġetti Mibjugħa ("COGS") ta' ħames produtturi Kolombjani ta' prodotti fil-kategorija simili bħall-glukonat tas-sodju, u

([42]) https://www.ilo.org/ilostat
([43]) www.enel.com.co

— Profitti, li ammontaw għal 8,68 % tal-COGS kif miksub minn ħames produtturi Kolombjani ta' prodotti fil-kategorija simili bħall-glukonat tas-sodju, ġew applikati għall-kostijiet totali mingħajr distorsjoni tal-manifattura.

(89) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet valur medju normali għal kull unità fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

### 3.4. **Prezz tal-esportazzjoni**

(90) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi mir-RPĊ, il-prezz tal-esportazzjoni ġie ddeterminat abbażi ta' CIF estratti mid-*data* tal-Eurostat, aġġustati għal-livell ta' kif joħorġu mill-fabbrika. Għalhekk, il-prezz CIF tnaqqas bil-kost tat-trasport bil-baħar, tal-assigurazzjoni u l-kost tat-trasport domestiku. Il-kostijiet tat-trasport domestiku Ċiniż u internazzjonali kienu bbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami.

### 3.5. **Tqabbil**

(91) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku mal-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika kif stabbilit hawn fuq.

### 3.6. **Marġni tad-dumping**

(92) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping instab li kien sinifikanti (aktar minn 100 %). Għalhekk ġie konkluż li d-dumping tkompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

## 4. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING**

(93) Wara s-sejba tal-eżistenza tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku l-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, kif ukoll miżuri ta' difiża tal-kummerċ fi swieq tal-esportazzjoni oħrajn.

(94) Bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u l-GTĊ, il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq l-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami, informazzjoni disponibbli faċilment, u informazzjoni mill-bażi tad-*data* tal-GTA.

### 4.1. **Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ**

(95) L-applikant ipprovda stimi tal-kapaċità tal-produzzjoni u tal-output tal-glukonat tas-sodju fir-RPĊ. Dawn l-istimi kienu bbażati fuq rapport ([44]) u żewġ bullettini ([45]) minn KComber/CCM, fornitur Ċiniż tal-intelligence tas-suq fl-industrija kollha tal-agrikoltura, tas-sustanzi kimiċi u tax-xjenzi tal-ħajja.

(96) Għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, ir-rapport stima l-kapaċità totali tal-produzzjoni fir-RPĊ għal 1 306 800 tunnellata. Għall-istess sena, ir-rapport stima l-output totali fir-RPĊ għal 701 400 tunnellata. Dawn l-istimi jimplikaw rata ta' użu tal-kapaċità ta' 54 %, u kapaċità ta' riżerva ta' 605 400 tunnellata f'dik is-sena, li tammonta għal aktar minn 25 darba l-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles. Barra minn hekk, il-bullettini pprovdew evidenza ta' pjanijiet minn tliet produtturi tal-glukonat tas-sodju għal espansjonijiet ulterjuri tal-kapaċità ta' total ta' 290 000 tunnellata/sena, mill-2022 'il quddiem ([46]).

([44]) Sodium Gluconate and Glucono Delta-Lactone's Major Producers Capacity and Output in China in 2021, ippubblikat f'April 2022.
([45]) Corn Products China News Lulju 2022; Corn Products China News Settembru 2022.
([46]) BBCA Biochemical: 60 000 tunnellata, Shandong Fuyang Biotechnology (permezz ta' Dezhou Heyang Biotechnology): 200 000 tunnellata, u Tongliao Zhongyuan Biological Development: 30 000 tunnellata.

(97) Il-Kummissjoni nnotat li, fid-dawl tal-applikazzjonijiet ewlenin tal-glukonat tas-sodju, l-evoluzzjoni tal-konsum tiegħu hija assoċjata mill-qrib mat-tkabbir tal-industrija tal-kostruzzjoni. Skont il-pjan ta' żvilupp tal-Gvern Ċiniż għall-industrija tal-kostruzzjoni matul il-perjodu tal-14-il FYP (2021–2025) ([47]), dik l-industrija se żżomm sehem kostanti (6 %) tal-PDG tal-pajjiż fl-2025. Barra minn hekk, abbażi tad-*data* dwar il-produzzjoni u l-esportazzjonijiet mill-2013 sal-2021 ([48]), il-Kummissjoni kkalkolat il-konsum domestiku tal-glukonat tas-sodju fir-RPĊ matul dak il-perjodu u sabet li żdied minn 527 000 għal 701 400 tunnellata, li jirrappreżenta rata ta' tkabbir annwali ta' anqas minn 3 %. Minn dan isegwi li, anke f'xenarji ottimistiċi ħafna ta' żvilupp ekonomiku, il-konsum domestiku tal-glukonat tas-sodju mhux se jkun jista' jassorbi parti kbira mill-kapaċità ta' riżerva li nbniet fil-pajjiż, u li x'aktarx se tkompli tiżdied. Għalhekk, il-produtturi Ċiniżi tal-glukonat tas-sodju se jkollhom inċentivi qawwija biex jużaw din il-kapaċità ta' riżerva għall-esportazzjonijiet, inkluż b'mod partikolari lejn is-suq tal-Unjoni.

(98) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom kapaċitajiet ta' riżerva sinifikanti, li jistgħu jintużaw għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

### 4.2. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi**

(99) Fid-dawl tad-daqs tal-industrija tal-kostruzzjoni tagħha, kif ukoll ta' industriji oħrajn li jagħmlu użu mill-glukonat tas-sodju, is-suq tal-Unjoni għall-glukonat tas-sodju huwa ta' importanza globali. F'dak ir-rigward, ta' min jinnota li, anke bil-miżuri stabbiliti, l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni mhux biss komplew, iżda żdiedu wkoll b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (ara t-tabella 3), u dan juri li s-suq tal-Unjoni għadu attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(100) Barra minn hekk, il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jżidu saħansitra aktar il-bejgħ tal-esportazzjoni tagħhom lejn l-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat il-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn swieq ta' pajjiżi terzi u qabblithom mal-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni.

(101) Bħala punt tat-tluq, il-Kummissjoni użat *data* mill-bażi tad-*data* tal-GTA, sett tad-*data* ewlieni fis-suq dwar il-flussi kummerċjali globali fil-livell tal-kodiċi tas-sistema armonizzata (kodiċi HS). Skont il-GTA, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021), kif ukoll matul il-parti tal-2022 li għaliha kienet disponibbli d-*data*, il-prezz medju tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċi HS 291816 kien ogħla b'mod sinifikanti mill-prezz medju tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Madankollu, minħabba l-fatt li dan il-Kodiċi HS jinkludi wkoll prodotti oħrajn apparti l-glukonat tas-sodju, il-Kummissjoni kkomplementat l-analiżi tagħha b'sorsi oħrajn.

(102) B'mod partikolari, l-applikant ipprovda *data* dettaljata miksuba minn ThinkReal, kumpanija speċjalizzata tar-riċerka tas-suq, dwar l-esportazzjonijiet ta' glukonat tas-sodju miċ-Ċina ([49]). Skont din id-*data*, il-prezz medju (f'termini FOB) tal-esportazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju miċ-Ċina lejn l-Unjoni kien bejn 1 % u 5 % ogħla meta mqabbel mal-prezz medju tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, kemm matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021), kif ukoll matul il-parti tal-2022 li għaliha kienet disponibbli d-*data*. Fin-nuqqas ta' miżuri, il-produtturi Ċiniżi jkunu jistgħu jesportaw lejn l-Unjoni bi prezzijiet li huma saħansitra ogħla (f'termini FOB) meta mqabblin mal-prezzijiet lejn pajjiżi terzi li, madankollu, xorta waħda jibqgħu l-oġġett ta' dumping minħabba d-daqs tal-marġnijiet tad-dumping li nstabu matul dan ir-rieżami, filwaqt li jiżdied is-sehem mis-suq tagħhom fl-Unjoni.

(103) Minn dan isegwi li s-suq tal-Unjoni huwa attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, li jkollhom inċentiv ekonomiku biex imexxu l-esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn is-suq tal-Unjoni li jħalli aktar qligħ bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

([47]) Ara: http://english.scio.gov.cn/pressroom/2022-01/26/content_78011624.htm
([48]) KComber/CCM u ThinkReal.
([49]) Esibit 23 tar-rapport ta' verifika: L-istatistika Ċiniża dwar l-esportazzjoni (id-destinazzjonijiet kollha)/l-istatistika Ċiniża dwar l-esportazzjoni (id-destinazzjonijiet tal-EU 27).

### 4.3. **Miżuri ta' difiża tal-kummerċ fi swieq oħrajn tal-esportazzjoni**

(104) Il-Kummissjoni nnotat li fl-2018 l-Istati Uniti imponew ukoll miżuri ta' difiża tal-kummerċ, inklużi dazji anti-dumping u dazji kumpensatorji, kontra l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju mir-RPĊ ([50]).

(105) Minħabba l-livell għoli ta' dawn il-miżuri, kien diffiċli għall-glukonat tas-sodju mir-RPĊ li jidħol fl-Istati Uniti fi kwantitajiet sinifikattivi. Konsegwentement, parti sostanzjali mill-kapaċità ta' riżerva disponibbli ma setgħetx tiġi assorbita mis-suq tal-Istati Uniti. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, li tissuġġerixxi li dawn il-miżuri se jitħassru fil-futur prevedibbli.

(106) Bħala riżultat tal-miżuri ta' difiża tal-kummerċ fl-Istati Uniti, il-produtturi Ċiniżi tal-glukonat tas-sodju jiffaċċjaw possibbiltajiet imnaqqsin għall-esportazzjonijiet. Għalhekk, is-suq tal-Unjoni huwa ta' importanza relattiva għolja, u jattira parti sinifikanti mill-produzzjoni Ċiniża tal-glukonat tas-sodju jekk il-miżuri tal-Unjoni jitħallew jiskadu.

### 4.4. **Konklużjoni**

(107) Meta titqies il-kapaċità ta' riżerva sinifikanti fir-RPĊ u filwaqt li jitqiesu l-miżuri ta' difiża tal-kummerċ imposti mill-Istati Uniti, kif ukoll l-evidenza dwar l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li jekk il-miżuri jiskadu, ikun probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jattivaw il-kapaċità ta' riżerva u saħansitra jmexxu l-esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u f'volumi sinifikanti.

(108) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u dwar l-iżvilupp probabbli tal-esportazzjonijiet jekk il-miżuri jiskadu, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping.

## 5. **DANNU**

### 5.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(109) Il-prodott simili kien immanifatturat minn żewġ produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni: Jungbunzlauer S.A. u Roquette Italia S.p.A. Dawn iż-żewġ kumpaniji huma responsabbli għal 100 % tal-produzzjoni tal-Unjoni u għalhekk jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(110) Peress li d-*data* relatata mal-valutazzjoni tad-dannu kienet idderivata minn żewġ produtturi tal-Unjoni biss, iċ-ċifri għall-analiżi tad-dannu huma moghtija f'firxiet minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Madankollu, l-indiċijiet huma bbażati fuq *data* reali u mhux fuq il-firxiet.

(111) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġiet stabbilita fil-firxa ta' [50 000–61 000] tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħat-talba għar-rieżami ta' skadenza u t-tweġiba għall-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni.

(112) Saret żjara ta' verifika fil-bini tal-produttur li kkoopera tal-prodott taħt rieżami, Jungbunzlauer SA.

### 5.2. **Konsum tal-Unjoni**

(113) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volum totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni miksub mit-tweġiba għall-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni u abbażi tal-volum totali tal-importazzjoni kif disponibbli fil-Eurostat.

([50]) https://www.federalregister.gov/documents/2018/11/13/2018-24705/sodium-gluconate-gluconic-acid-and-derivative-products-from-the-peoples-republic-of-china

(114) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 2*

**Il-konsum tal-Unjoni**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Konsum totali tal-Unjoni (tunnellati) | [36 991–44 778] | [36 113–43 716] | [38 126–46 153] | [40 222–48 690] |
| *Indiċi* | *100* | *98* | *103* | *109* |
| Suq kaptiv | [18 294–22 145] | [17 792–21 538] | [20 758–25 128] | [20 822–25 206] |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *113* | *114* |
| Suq ħieles | [18 696–22 633] | [18 321–22 178] | [17 368–21 025] | [19 400–23 484] |
| *Indiċi* | *100* | *98* | *93* | *104* |

*Sors: Data mill-industrija tal-Unjoni u mill-Eurostat.*

(115) L-investigazzjoni wriet li l-konsum totali tal-glukonat tas-sodju jinkludi sehem kbir ta' użu ristrett mill-industrija tal-Unjoni, jiġifieri l-kwantitajiet użati għal ipproċessar ulterjuri mill-industrija tal-Unjoni. Dan ifisser li l-prodott taħt rieżami huwa importanti wkoll għall-prodotti downstream tal-industrija tal-Unjoni.

(116) Il-konsum fl-Unjoni fis-suq ħieles żdied b'4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Madankollu, naqas b'7 % bejn l-2018 u l-2020, li minnhom żewġ punti perċentwali naqsu fl-2019 u kien hemm tnaqqis ieħor ta' ħames punti perċentwali fl-2020, is-sena tal-pandemija. Dan reġa' rkupra mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami bi 11-il punt perċentwali, hekk kif l-industriji tal-utenti bdew jirkupraw mit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżat mill-pandemija.

## 5.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

### 5.3.1. ***Volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat***

(117) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-importazzjoni tal-Eurostat.

(118) L-importazzjonijiet fl-Unjoni miċ-Ċina żviluppaw kif ġej:

*Tabella 3*

**Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina (tunnellati) | [873–1 057] | [1 296–1 569] | [1 526–1 847] | [1 516–1 835] |
| *Indiċi* | *100* | *149* | *175* | *174* |
| Sehem mis-suq (%) | [3–7] | [5–9] | [7–12] | [6–10] |
| *Indiċi* | *100* | *152* | *188* | *167* |

*Sors: Eurostat.*

(119) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'mod kumplessiv, il-volum tal-importazzjoni Ċiniża żdied b'74 %. Dan żdied b'75 % bejn l-2018 u l-2020 u mbagħad naqas ftit b'1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan l-iżvilupp juri li l-importazzjonijiet Ċiniżi segwew ix-xejra opposta tal-konsum tal-Unjoni. Is-sehem mis-suq Ċiniż żdied bi 88 % mill-2018 sal-2020 u wera tnaqqis ta' 11 % mill-2020 għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-esportaturi Ċiniżi rnexxielhom iżidu s-sehem mis-suq tagħhom b'mod konsiderevoli mill-2018 sal-2020 f'suq li qed jiċkien, iżda ma żidux is-sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta l-konsum tal-Unjoni reġa' żdied. B'mod ġenerali, is-sehem tas-suq tal-esportaturi Ċiniżi żdied drastikament matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

### 5.4. **Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz**

(120) Il-Kummissjoni stabbiliet ix-xejra tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi abbażi tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet tal-Eurostat.

(121) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni miċ-Ċina żviluppa kif ġej:

*Tabella 4*

**Prezz tal-Importazzjoni (EUR/tunnellata)**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-importazzjoni miċ-Ċina | [578–700] | [590–714] | [580–702] | [817–990] |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *100* | *141* |

*Sors: Eurostat.*

(122) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni Ċiniżi kienu pjuttost stabbli sal-2020 u mbagħad żdiedu b'mod sinifikanti b'41 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, ogħla mil-livell medju tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, kif rifless fit-Tabella 9 hawn taħt.

(123) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni disponibbli għaliha li tista' tispjega dan l-iżvilupp. Huwa mfakkar li s-sena 2020, it-tielet sena tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni fl-investigazzjoni attwali, tikkoinċidi mal-bidu tal-kriżi sanitarja tal-COVID-19, li kkawżat tfixkil madwar id-dinja fil-ktajjen tax-xiri u tal-provvista. Abbażi tas-sottomissjonijiet mill-industrija tal-Unjoni u tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, ir-restrizzjonijiet sanitarji severi li ilhom stabbiliti mill-2020 wasslu għal kostijiet ogħla fiċ-Ċina, b'mod partikolari għall-materja prima, l-enerġija u t-trasport fl-2021. Il-prezz tal-qamħirrum fiċ-Ċina żdied b'bejn 50 % u 70 % bejn l-2018 u l-2021 ([51]), u ż-żieda fil-kostijiet tat-trasport tista' tispjega ż-żieda fil-prezz tal-esportazzjoni tal-glukonat tas-sodju bejn l-2020 u l-2021 ([52]).

(124) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ma kellhiex informazzjoni dwar it-taħlita ta' prodotti esportati miċ-Ċina lejn l-Unjoni, jew dwar it-tip ta' klijenti li importaw il-prodott ikkonċernat. Dan huwa ta' importanza partikolari minħabba li l-investigazzjoni wriet li jeżistu differenzi sinifikanti fil-prezzijiet fost it-tipi ta' prodotti, skont l-applikazzjoni. Id-*data* verifikata disponibbli wriet li l-prezzijiet tal-glukonat tas-sodju maħsub għas-setturi tal-ikel u tal-farmaċewtika jistgħu jkunu sa 37 % ogħla mit-tipi ddestinati għal applikazzjonijiet oħrajn, bħall-kostruzzjoni.

(125) L-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni żvelat ukoll li filwaqt li l-esportaturi Ċiniżi kienu qed ibigħu bi prezz spot, l-industrija tal-Unjoni kienet prinċipalment qed tbigħ il-glukonat tas-sodju abbażi ta' kuntratti annwali. Dan ifisser li l-biċċa l-kbira tal-bejgħ sar bi prezzijiet fissi li ma setgħux jiżdiedu. Skont l-industrija tal-Unjoni, il-ftehimiet ta' bejgħ mal-esportaturi Ċiniżi spiss isiru bi prezz spot jew fuq bażi ta' żmien qasir. Għalhekk, il-prezzijiet tagħhom qed jirriflettu b'mod immedjat ċirkostanzi tas-suq mhux mistennija, bħal żidiet fil-materja prima u fil-kostijiet tat-trasport.

([51]) Ara s-sottomissjoni ta' Jungbunzlauer "Esibit 23".
([52]) Ara s-sottomissjoni ta' Jungbunzlauer "Esibit 23".

(126) Abbażi tal-informazzjoni limitata u mhux verifikata disponibbli dwar l-importazzjonijiet Ċiniżi, il-Kummissjoni eżaminat it-twaqqigħ possibbli tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet:

(a) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ tal-produttur tal-Unjoni verifikat li jintalab lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustat għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

(b) il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-livell tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF) skont l-istatistika tal-importazzjoni tal-Eurostat, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji anti-dumping u doganali.

(127) Dan it-tqabbil ma wera l-ebda twaqqigħ tal-prezz mill-importazzjonijiet Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, anke meta ma jitqisux id-dazji anti-dumping.

(128) Dan it-tqabbil huwa bbażat fuq taħlita mhux magħrufa ta' prodotti Ċiniżi matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, jiġifieri fuq id-*data* dwar il-prezzijiet, liema dettalji ma kinux disponibbli u għalhekk ma setgħux jiġu vverifikati.

(129) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat f'aktar dettall it-tipi ta' prodotti mmanifatturati u mibjugħin mill-industrija tal-Unjoni u sabet li madwar 30 % tal-bejgħ tagħha sar bi prezzijiet ta' bejn 8 u 14 % ogħla mill-prezz medju Ċiniż. Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni verifikata dwar it-tipi ta' prodotti mibjugħin mill-esportaturi Ċiniżi u għalhekk ma tistax tikkonkludi li t-tqabbil li sar fil-premessa (126) huwa sinifikattiv.

(130) L-industrija tal-Unjoni pprovdiet informazzjoni li turi li l-kost tat-trasport miċ-Ċina lejn l-Unjoni żdied b'mod sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u laħaq bejn EUR 210 u EUR 250 għal kull tunnellata. Din iż-żieda temporanja fil-kost tkun, bil-bosta, il-fattur ewlieni li jispjega l-prezz tal-esportazzjoni relattivament għoli tal-glukonat tas-sodju Ċiniż matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Meta wieħed iqis il-kost medju tat-trasport ta' hawn fuq, il-prezz ta' kif joħroġ mill-fabbrika tal-glukonat tas-sodju Ċiniż esportat lejn l-Unjoni jkun ta' madwar EUR 600 għal kull tunnellata, jiġifieri bejn 20 u 30 % anqas mill-prezz ta' kif joħroġ mill-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni.

(131) Il-Kummissjoni ġabret ukoll informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ([53]) li tissuġġerixxi li l-output tal-produtturi Ċiniżi ewlenin naqas b'5,4 %. B'mod parallel, il-prezz tal-lamtu tal-qamħirrum, il-materja prima ewlenija użata għall-produzzjoni tal-glukonat tas-sodju, kien qed jiżdied fl-2021. Skont l-istess sors pubbliku, il-prezz tal-glukonat tas-sodju Ċiniż kif joħroġ mill-fabbrika żdied fl-2021, u bħala medja kien EUR 560/tunnellata. Dan il-prezz huwa bejn 25 u 35 % anqas mill-prezz ta' kif joħroġ mill-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni u jikkonferma li l-livell tal-prezzijiet Ċiniżi osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami huwa prinċipalment dovut għaż-żieda temporanja fil-kostijiet tat-trasport.

(132) Abbażi ta' sors pubbliku ieħor ([54]), ġie stmat li l-kost medju tat-trasport miċ-Ċina lejn l-UE fl-2021 kien ta' madwar EUR 130–EUR 170/tunnellata, jiġifieri tliet darbiet il-kost tal-2020. Iż-żieda tal-kostijiet medji tat-trasport mal-prezz medju għall-glukonat tas-sodju Ċiniż kif joħroġ mill-fabbrika twassal għal prezz medju tal-esportazzjoni maħdum ta' madwar EUR 700/tunnellata. Dan il-prezz jikkonċerna t-tipi kollha ta' glukonat tas-sodju prodotti fiċ-Ċina.

(133) Tqabbil tal-prezzijiet fuq dik il-bażi jwassal għal twaqqigħ tal-prezz medju ta' 9 % tal-fatturat tal-industrija tal-Unjoni, meta ma jitqisux id-dazji anti-dumping.

([53]) Sodium Gluconate and Glucono Delta-Lactone's Major Producers Capacity and Output in China in 2021 (marketresearch.com) https://www.marketresearch.com/CCM-International-Limited-v3539/Sodium-Gluconate-Glucono-Delta-Lactone-32039947/#:~:text = In%202017 %E2 %80 %932021 %2C%20the%20output%20of%20sodium%20gluconate%20in,which%20was%205.44 %25 % 20lower%20than%20that%20of%202020.

([54]) China to Europe container freight rate index | Statista
Shipping costs quadruple to record highs on China-Europe 'bottleneck' | Financial Times (ft.com)

### 5.5. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina**

(134) Kif imsemmi fil-premessa (31), il-glukonat tas-sodju jiġi prodott fiċ-Ċina, fl-Istati Uniti u fl-Unjoni. L-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina kienu negliġibbli (ferm anqas minn 1 % tal-konsum tal-Unjoni) matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk huwa meqjus li dawn l-importazzjonijiet ma kellhom l-ebda impatt materjali fuq is-suq tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ma qisitx aktar dawn l-importazzjonijiet fl-analiżi tad-dannu tagħha.

*Tabella 5*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

| | | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-kumplament tad-dinja | Volum (tunnellati) | [3–4] | [1–2] | [6–7] | [5–6] |
| | *Indiċi* | *100* | *54* | *186* | *146* |

*Sors: Eurostat.*

### 5.6. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

#### 5.6.1. ***Kummenti ġenerali***

(135) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' analiżi.

(136) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn żewġ produtturi. Il-produttur akbar (l-applikant) ikkoopera bis-sħiħ billi mela l-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni u pprovda d-*data* kollha meħtieġa għall-analiżi tad-dannu. Iż-żewġ produtturi pprovdew l-informazzjoni, li ppermettiet li jiġu stabbiliti l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi. Il-produttur iżgħar ma pprovdiex tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni.

(137) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. L-indikaturi makroekonomiċi ġew stabbiliti abbażi tad-*data* li tinsab fit-talba għal rieżami, it-tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-produttur tal-Unjoni li kkoopera, u d-*data* pprovduta mill-produttur iżgħar tal-Unjoni. Dan kopra d-*data* makroekonomika relatata maż-żewġ produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produttur tal-Unjoni li kkoopera. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(138) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(139) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

#### 5.6.2. ***Indikaturi makroekonomiċi***

##### 5.6.2.1. *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità*

(140) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 6A*

**Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità tal-Unjoni**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati) | [47 169–57 099] | [46 207–55 935] | [47 376–57 350] | [50 049–60 586] |
| *Indiċi* | *100* | *98* | *100* | *106* |
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | [55 765–67 505] | [55 765–67 505] | [55 765–67 505] | [55 765–67 505] |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *100* | *100* |
| Użu tal-kapaċità (%) | [80–97] | [79–95] | [81–98] | [85–100] |
| *Indiċi* | *100* | *98* | *100* | *106* |

*Sors: Data pprovduta mill-industrija tal-Unjoni.*

(141) Il-produzzjoni tal-glukonat tas-sodju żdiedet b'6 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'mod partikolari matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-investigazzjoni wriet li r-raġunijiet ewlenin għal din iż-żieda kienu ż-żieda fil-bejgħ għall-esportazzjoni (+ 18 %) u użu ristrett ogħla (+ 14 %) għall-prodotti downstream f'dak il-perjodu.

(142) Din ix-xejra pożittiva fil-produzzjoni ppermettiet lill-industrija tal-Unjoni tagħmel ekonomiji ta' skala b'utilizzazzjoni akbar tal-kapaċità tal-produzzjoni u tnaqqas ċerti kostijiet, b'mod partikolari matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(143) Kif diġà ġie ddikjarat hawn fuq, it-tabella ta' hawn taħt turi li s-sehem tal-produzzjoni maħsub għall-użu ristrett huwa importanti u jirrappreżenta madwar 35 sa 45 % tal-produzzjoni totali. Dak is-sehem żdied b'14 % u baqa' importanti għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taht kunsiderazzjoni. Iż-żewġ produtturi li jifformaw l-industrija tal-Unjoni jużaw il-glukonat tas-sodju għal prodotti downstream. Dan ifisser li l-produzzjoni tal-glukonat tas-sodju hija importanti ħafna għall-attività kollha u għas-sopravivenza tal-industrija tal-Unjoni fit-terminu medju u fit-tul.

(144) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet l-istess matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu. It-tabella ta' hawn taħt turi li ż-żieda fl-użu tal-kapaċità kienet prinċipalment dovuta għal żieda fid-domanda fis-swieq tal-esportazzjoni u f'attivitajiet downstream. Il-bejgħ fis-suq tal-Unjoni baqa' fil-biċċa l-kbira stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

*Tabella 6B*

**Produzzjoni tal-Unjoni maħsuba għal użu ristrett**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati) | [18 294–22 145] | [17 792–21 538] | [20 758–25 128] | [20 822–25 206] |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *113* | *114* |

*Sors: Data pprovduta mill-industrija tal-Unjoni.*

(145) Il-produzzjoni maħsuba għall-użu ristrett tirrappreżenta sehem kbir mill-produzzjoni u mill-attività tal-industrija tal-Unjoni. Id-domanda interna għall-glukonat tas-sodju żdiedet b'mod partikolari fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Kif imsemmi fil-premessa (141), dan ippermetta lill-industrija tal-Unjoni tikseb ekonomiji ta' skala u tnaqqas il-kostijiet.

5.6.2.2. *Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq*

(146) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 7*

**Volum ta' bejgħ fl-Unjoni u sehem mis-suq**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati) | [17 896–21 664] | [17 114–20 717] | [15 908–19 256] | [18 128–21 944] |
| *Indiċi* | *100* | *96* | *89* | *101* |
| Sehem mis-suq (%) | [93–97] | [91–95] | [88–93] | [90–94] |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *96* | *97* |

*Sors: Data pprovduta mill-industrija tal-Unjoni.*

(147) Il-bejgħ tal-glukonat tas-sodju fis-suq ħieles żdied ftit b'1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-volum tal-bejgħ naqas bi 11 % sal-2020, imbagħad irkupra matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(148) Għalkemm is-suq tal-Unjoni kien qed jikber, l-industrija tal-Unjoni tilfet tliet punti perċentwali tas-sehem mis-suq għal importazzjonijiet Ċiniżi fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. It-telf tas-sehem mis-suq kien partikolarment evidenti bejn l-2018 u l-2020 (erba' punti perċentwali) u ma setax jiġi rkuprat meta s-sitwazzjoni tas-suq ħieles kienet sejra għall-aħjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni baqa' ferm taħt il-livell fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

5.6.2.3. *Tkabbir*

(149) L-investigazzjoni wriet li, minn naħa waħda, ċerti indikaturi tal-volum bħall-produzzjoni (+ 6 %) u b'mod parallel, l-impjiegi (+ 4 %), żviluppaw b'mod pożittiv, b'mod partikolari matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Min-naħa l-oħra, anke jekk il-bejgħ fis-suq ħieles żdied marġinalment u l-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli, l-industrija tal-Unjoni tilfet tliet punti perċentwali tas-sehem mis-suq għal importazzjonijiet miċ-Ċina u l-investimenti tagħha kellhom jitnaqqsu b'aktar minn 50 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(150) Huwa mfakkar li l-produzzjoni żviluppat b'mod pożittiv minħabba domanda akbar fis-swieq tal-esportazzjoni u fil-prodotti downstream tal-industrija tal-Unjoni. Minkejja l-miżuri fis-seħħ u żieda fil-konsum tas-suq ħieles b'4 %, l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-bejgħ tagħha fis-suq tal-Unjoni b'1 % biss matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

5.6.2.4. *Impjiegi u produttività*

(151) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 8*

**Impjiegi u produttività fl-Unjoni**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' impjegati | [48–59] | [49–60] | [50–61] | [50–61] |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *104* | *104* |

| Produttività (tunnellata/FTE) | [926–1 121] | [892–1 079] | [898–1 087] | [948–1 148] |
|---|---|---|---|---|
| *Indiċi* | *100* | *96* | *97* | *102* |

*Sors: Data pprovduta mill-industrija tal-Unjoni.*

(152) L-għadd ta' impjegati fl-industrija tal-Unjoni żdied b'4 % sal-2020 u mbagħad stabbilizza ruħu fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'riżultat tat-tnaqqis fil-produzzjoni u ż-żieda fl-impjiegi fl-2019, il-produttività naqset temporanjament f'dik is-sena. Din tjiebet fl-2020 u speċjalment fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità ma' żieda fil-produzzjoni.

5.6.2.5. *Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat*

(153) Il-marġnijiet tad-dumping oriġinali varjaw minn 5,6 % sa 79,2 %. L-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet Ċiniżi kienu baxxi ħafna mill-2018 sal-2020. Bħala medja, dawn kienu bejn 15 u 25 % anqas mill-prezzijiet mitlubin mill-industrija tal-Unjoni lill-klijenti tagħha tal-Unjoni fl-istess perjodu. Din is-sitwazzjoni ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni tirkupra minn dumping fil-passat. Il-profittabbiltà kienet negattiva jew qrib il-livell ta' ekwilibriju u l-investimenti tnaqqsu b'mod sinifikanti. L-analiżi tal-indikaturi tad-dannu turi li l-industrija tal-Unjoni kienet għadha affettwata minn dumping dannuż fil-passat sal-2020. Il-miżuri stabbiliti kellhom biss impatt pożittiv mill-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(154) Il-marġni tad-dumping stabbilit matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien sinifikanti.

5.6.3. ***Indikaturi mikroekonomiċi***

5.6.3.1. *Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet*

(155) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ tal-unità tal-industrija tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 9*

**Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni u l-kost unitarju tal-produzzjoni**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-bejgħ unitarju fl-Unjoni (EUR/tunnellata) | [685–829] | [722–875] | [712–862] | [719–870] |
| *Indiċi* | *100* | *105* | *104* | *105* |
| Kost unitarju tal-produzzjoni(EUR/tunnellata) | [695–841] | [735–890] | [702–850] | [668–809] |
| *Indiċi* | *100* | *106* | *101* | *96* |

*Sors: Data verifikata pprovduta mill-produttur tal-Unjoni li kkoopera.*

(156) L-industrija tal-Unjoni tikkonkludi kuntratti annwali, f'xi każijiet sentejn, mal-klijenti tagħha. L-investigazzjoni wriet li l-prezz medju tal-bejgħ stabbilit fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika żdied b'5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Iż-żieda ewlenija fil-prezz seħħet fl-2019 biex twieġeb għal żieda simili fil-kostijiet. Wara dan, il-prezzijiet baqgħu fil-biċċa l-kbira stabbli sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(157) Il-kost unitarju tal-produzzjoni żdied b'6 % fl-2019, li jikkoinċidi ma' tnaqqis fil-produzzjoni (– 2 %) u fil-volum tal-bejgħ fis-suq ħieles (– 4 %). Sussegwentement, il-kost unitarju tal-produzzjoni naqas b'9 % bejn l-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, il-kost unitarju tal-produzzjoni naqas b'4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. It-tnaqqis kien dovut għal tnaqqis ta' ċerti kostijiet diretti u spejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi.

5.6.3.2. *Kostijiet lavorattivi*

(158) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 10*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR/FTE) | [82 630–100 026] | [71 828–86 950] | [71 910–87 049] | [80 332–97 244] |
| *Indiċi* | *100* | *87* | *87* | *97* |

*Sors: Data verifikata pprovduta mill-produttur tal-Unjoni li kkoopera.*

(159) Il-kostijiet lavorattivi medji naqsu bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. F'kull każ, billi x-xogħol jirrappreżenta biss porzjon żgħir tal-kost tal-produzzjoni, dan jenħtieġ li ma jitqiesx bħala indikatur sinifikattiv fl-analiżi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

5.6.3.3. *Inventarji*

(160) Il-livelli tal-istokkijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 11*

**Inventarji**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati) | [1 784–2 160] | [2 148–2 601] | [1 959–2 371] | [1 596–1 932] |
| *Indiċi* | *100* | *120* | *110* | *89* |
| Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%) | 4 | 5 | 4 | 3 |
| *Indiċi* | *100* | *123* | *109* | *84* |

*Sors: Data verifikata pprovduta mill-produttur tal-Unjoni li kkoopera.*

(161) Il-livell tal-inventarji żdied bejn l-2018 u l-2019 (+ 20 %) u mbagħad wera tnaqqis (– 26 %) bejn l-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, il-livell tal-inventarji naqas bi 11 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-investigazzjoni wriet li l-produzzjoni tal-glukonat tas-sodju hija ddestinata kemm għall-użu ristrett mill-industrija tal-Unjoni kif ukoll għall-bejgħ fis-suq ħieles. L-industrija tal-Unjoni wriet li tista' tkun flessibbli biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-klijenti u dawk interni tagħha u li prinċipalment qed tipproduċi fuq ordnijiet għas-suq ħieles. Għalhekk, il-livell tal-istokkijiet seta' jinżamm f'livell minimu (3–5 % tal-produzzjoni).

5.6.3.4. *Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital*

(162) Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 12*

**Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | [– 10– –1] | [– 11– –1] | [0– + 10] | [5– + 20] |
| *Indiċi* | *– 100* | *– 104* | *34* | *293* |
| Fluss tal-flus (EUR) | [– 1 001 175– –185 632] | [– 591 908– –111 256] | [571 495 –691 810] | [10 648 37 –1 289 013] |
| *Indiċi* | *– 1 00* | *– 23* | *142* | *265* |
| Investimenti (EUR) | [2 829 81 – 342 556] | [1 409 51 – 170 624] | [1 588 32 – 192 271] | [116 361 –140 858] |
| *Indiċi* | *100* | *50* | *56* | *41* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | [– 30– 37] | [– 21– –25] | [– 11– –14] | [12–16] |
| *Indiċi* | *– 100* | *– 68* | *– 39* | *42* |

*Sors: Data verifikata pprovduta mill-produttur tal-Unjoni li kkoopera.*

(163) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal mill-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(164) L-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel it-telf matul l-ewwel sentejn tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u fl-2020 saret ftit profittabbli. Il-profittabbiltà tjiebet ulterjorment fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami iżda baqgħet taħt il-profitt fil-mira użat fl-investigazzjoni oriġinali. It-titjib tal-profittabbiltà fl-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien prinċipalment dovut għal kostijiet diretti aktar baxxi, l-irkupru fil-volum tal-produzzjoni u kostijiet aktar baxxi tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi. L-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tikseb ekonomiji ta' skala billi żżid il-produzzjoni tagħha u tnaqqas il-kostijiet, b'mod partikolari fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni, li għadha f'pożizzjoni vulnerabbli, tista' tirkupra aktar f'suq irregolat minn kundizzjonijiet effettivi tal-kompetizzjoni.

(165) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Dan ġie stabbilit abbażi tal-attività kollha tal-bejgħ tal-glukonat tas-sodju tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan kien negattiv fl-2018 u fl-2019 u nbidel għal pożittiv fl-2020 u tjieb aktar matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-irkupru fil-profittabbiltà. Dan l-iżvilupp jenħtieġ li jiġi sostnut fit-terminu medju biex jipproduċi effetti pożittivi dejjiema fuq l-industrija tal-Unjoni.

(166) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa stabbilit fuq il-bażi tal-profitt tal-bejgħ kollu tal-prodott taħt rieżami f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Kif spjegat fil-premessa (155), il-prezzijiet tal-bejgħ kienu relattivament stabbli u fil-premessa (163), il-kostijiet setgħu jitnaqqsu bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan wassal għall-irkupru tal-profittabbiltà għall-bejgħ li sar lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni u ppermetta lil dan l-indikatur jiżviluppa b'mod pożittiv matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(167) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni fl-attività tagħha tal-glukonat tas-sodju naqsu sostanzjalment b'50 sa 60 %. L-industrija tal-Unjoni żammet l-injezzjoni ta' kapital ġdid għal minimu billi naqqset il-livell ta' investiment tagħha għal ammonti kważi negliġibbli. Għalhekk, il-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital ma setgħetx tiġi analizzata u ma setgħet tinstilet l-ebda konklużjoni. Madankollu, huwa ċar li tali livell baxx ta' investiment ma setax jiżgura l-kontinwità tal-produzzjoni fit-terminu medju.

## 5.7. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(168) L-investigazzjoni wriet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi rnexxielhom iżidu l-volum tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq tagħhom, li żdiedu b'mod sinifikanti b'45 % fl-2019 u bi 30 % oħra fl-2020. F'dak il-perjodu, instab li l-prezz medju tal-importazzjoni Ċiniż kien bejn 15 u 25 % anqas mill-prezz tal-industrija tal-Unjoni. Il-produtturi esportaturi Ċiniżi rnexxielhom iżommu dan is-sehem mis-suq minkejja prezz medju tal-importazzjoni ogħla fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' *data* rilevanti dwar il-prezzijiet, bħat-taħlita tal-prodotti biex isir tqabbil sinifikattiv tal-prezzijiet, ma setgħet tinħareġ l-ebda konklużjoni affidabbli dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet.

(169) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw b'mod negattiv matul l-ewwel 3 snin tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. It-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ (– 4 %) kien aktar evidenti mit-tnaqqis fil-konsum (– 2 %) fl-2019 u l-bejgħ naqas ulterjorment b'7 % fl-2020. Bejn l-2018 u l-2019, il-produzzjoni baqgħet fil-biċċa l-kbira stabbli iżda l-inventarji żdiedu b'mod sinifikanti (sa 20 %) minħabba tnaqqis fil-bejgħ. Il-profittabbiltà kienet negattiva iżda eventwalment saret ftit profittabbli fl-2020. Bejn l-2020 u l-RIP, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid il-volumi tal-bejgħ tagħha (+ 12 %) u s-sehem mis-suq (+ 1 %). Hija rnexxielha wkoll tnaqqas il-kost tal-produzzjoni tagħha biex ittejjeb aktar il-profittabbiltà matul l-RIP.

(170) Fl-istess ħin, l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni ma bbenefikatx bis-sħiħ mit-tkabbir tas-suq matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Filwaqt li l-konsum fis-suq ħieles żdied b'4 %, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied ftit b'1 % u b'hekk tilef tliet punti perċentwali tas-sehem mis-suq.

(171) Fil-qosor, l-investigazzjoni wriet li l-indikaturi tad-dannu bħall-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità u l-impjiegi, flimkien ma' indikaturi finanzjarji bħall-profittabbiltà, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti, żviluppaw b'mod pożittiv, b'mod partikolari fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-profittabbiltà u l-fluss tal-flus saru pożittivi mill-2020, u r-redditu fuq l-investimenti sar pożittiv fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(172) Abbażi ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni bdiet tirkupra mid-dumping dannuż preċedenti u ma ġarrbitx dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, huwa meqjus li anke jekk l-iżviluppi reċenti fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni wrew sinjali ta' rkupru, l-industrija għadha f'sitwazzjoni vulnerabbli.

# 6. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU**

(173) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet Ċiniżi daħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li kienu l-oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u li kien probabbli li d-dumping ikompli f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(174) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (172) li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għaldaqstant, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(175) Il-Kummissjoni eżaminat il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina, il-livelli tal-prezzijiet probabbli tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping, u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

(176) Kif stabbilit fil-premessi (95) sa (98) hawn fuq, hemm kapaċità ta' produzzjoni u kapaċità ta' riżerva sostanzjali fiċ-Ċina biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni malajr f'każ li l-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu. Kif stabbilit fil-premessa (96), fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-produtturi esportaturi Ċiniżi kellhom kapaċità ta' madwar 1 300 000 tunnellata, li hija aktar minn 50 darba l-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles. Abbażi tad-*data* pprovduta mill-industrija tal-Unjoni, din il-kapaċità se tiżdied sostanzjalment fis-snin li ġejjin. Ebda parti oħra ma kkontestat din id-*data* u lanqas ma pprovdiet xi element ieħor f'dan ir-rigward.

(177) Id-*data* disponibbli għall-pubbliku ([55]) tikkonferma li l-output tal-glukonat tas-sodju fiċ-Ċina żdied meta mqabbel mas-snin preċedenti tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u kien ta' 701 400 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan ifisser li l-użu tal-kapaċità kien ta' madwar 54 % u l-eċċess fil-kapaċità kien madwar 600 000 tunnellata f'dak il-perjodu. Dan huwa aktar minn 25 darba l-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles.

(178) Għalkemm huwa mistenni li l-konsum tal-glukonat tas-sodju se jiżdied fis-snin li ġejjin, l-użu baxx tal-kapaċità jappoġġa l-affermazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li l-kapaċità Ċiniża qed taqbeż bil-kbir il-ħtiġijiet interni. Il-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina ma tistax tiġi assorbita mis-suq Ċiniż, meta titqies kwalunkwe aspettattiva raġonevoli tat-tkabbir tagħha. Għalhekk, hemm inċentivi qawwija għall-produtturi Ċiniżi biex jesportaw, b'mod partikolari lejn is-suq tal-Unjoni, aktar u aktar jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(179) Skont l-industrija tal-Unjoni, l-eċċess fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni huwa inċentiv biex titkompla l-esportazzjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Huwa ċar li l-esportaturi Ċiniżi jridu jisfruttaw il-possibbiltajiet eżistenti kollha biex iżidu l-produzzjoni biex jibbenefikaw bis-sħiħ mill-investimenti sinifikanti li għamlu fil-kapaċitajiet installati. L-aktar mod ovvju huwa li jiġi ppenetrat kwalunkwe suq miftuħ madwar id-dinja u x'aktarx bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping bħalma għadu l-każ fl-investigazzjoni attwali. Meta jitqies it-tnaqqis fil-kost tat-trasport fl-2022 ([56]) u l-livell tal-prezzijiet mistenni fl-Unjoni, l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju Ċiniż x'aktarx li jiżdiedu għal kwantitajiet kbar bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(180) L-investigazzjoni wriet li l-prezz medju tal-glukonat tas-sodju Ċiniż lejn l-UE matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kien ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni mitlub mill-esportaturi Ċiniżi mingħand destinazzjonijiet oħrajn, ara l-premessa (101). L-esportazzjoni tal-glukonat tas-sodju lejn l-UE jekk il-miżuri ta' difiża tal-kummerċ jitħallew jiskadu, għalhekk tkun tagħmel sens ekonomiku, speċjalment minħabba li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom kapaċità ta' produzzjoni kbira disponibbli u jistgħu faċilment iżidu l-produzzjoni tagħhom anke mingħajr ma jiddevjaw il-volum tal-bejgħ (anqas ekonomikament attraenti) lejn l-UE.

(181) Fl-aħħar nett, l-industrija tal-Unjoni fakkret li l-Istati Uniti, l-uniku pajjiż bi produzzjoni tal-glukonat tas-sodju minbarra ċ-Ċina u l-UE, stabbilew ukoll li l-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-glukonat tas-sodju kienu qed ibigħu bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping fis-suq tagħhom. B'mod parallel, instab ukoll li dawn il-produtturi jibbenefikaw minn sussidji pubbliċi li jheġġu l-esportazzjonijiet. Kif spjegat fil-premessa (105), il-miżuri ta' difiża tal-kummerċ stabbiliti fl-Istati Uniti jillimitaw b'mod effettiv id-dħul tal-glukonat tas-sodju Ċiniż f'dak is-suq.

(182) Fil-bqija tad-dinja, il-produtturi esportaturi Ċiniżi jiddominaw il-provvista tal-glukonat tas-sodju. Skont id-*data* pprovduta mill-industrija tal-Unjoni, il-manifatturi Ċiniżi għandhom sehem dominanti mis-suq fl-Afrika (aktar minn 90 % fl-2021), fil-Lvant Nofsani (aktar minn 99 %) u f'pajjiżi tal-Ewropa mhux membri tal-UE (kważi 80 %) ([57]).

([55]) Sodium Gluconate and Glucono Delta-Lactone's Major Producers Capacity and Output in China in 2021 (marketresearch.com) https://www.marketresearch.com/CCM-International-Limited-v3539/Sodium-Gluconate-Glucono-Delta-Lactone-32039947/#:~:text = In%202017 %E2 %80 %932021 %2C%20the%20output%20of%20sodium%20gluconate%20in,which%20was%205.44 %25 % 20lower%20than%20that%20of%202020.

([56]) Ara l-paġna 4 tal-verżjoni miftuħa tas-sottomissjoni ta' Jungbunzlauer "Prova 23" tat-18 ta' Novembru 2022.

([57]) Ara l-paġni 9–10 tal-verżjoni miftuħa tas-sottomissjoni ta' Jungbunzlauer "Esibit 23".

(183) L-applikant sostna li kien hemm distorsjoni temporanja fil-prezzijiet Ċiniżi fl-2021 u fil-bidu tal-2022 peress li r-rati eċċezzjonalment għoljin ta' merkanzija għall-vjeġġi ta' kontejners miċ-Ċina lejn destinazzjonijiet barranin irriżultaw fi prezzijiet ogħla ta' prodotti Ċiniżi. Dan għamel l-offerti tal-industrija tal-Unjoni aktar kompetittivi ([58]). Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni tista' żżid kemxejn il-volum tal-bejgħ tagħha u timplimenta livell ogħla ta' prezz. Madankollu, l-applikant iddikjara wkoll li x-xejra ta' żieda fil-kostijiet tal-merkanzija kienet inbidlet reċentement u li l-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu qed jerġgħu jbigħu bi prezzijiet aktar baxxi li ma jippermettux lill-industrija tal-Unjoni tikkompeti b'termini ġusti. It-tnaqqis fil-kost tal-merkanzija fl-2022 huwa kkonfermat ukoll mid-*data* disponibbli għall-pubbliku msemmija fil-premessa (178) hawn fuq.

(184) Din l-affermazzjoni kienet appoġġata wkoll minn kwotazzjonijiet baxxi ħafna offruti minn ċerti esportaturi Ċiniżi lil klijenti tal-Unjoni fl-2022 ([59]). Kif spjegat fil-premessi (96) sa (98) hawn fuq, il-kapaċitajiet kbar ta' produzzjoni ta' riżerva fiċ-Ċina jistgħu jintużaw faċilment u volum għoli ta' importazzjonijiet Ċiniżi li huma oġġett ta' dumping x'aktarx li jerġgħu jidħlu fis-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet sinifikanti. Dawn il-volumi għoljin ta' glukonat tas-sodju bi prezz baxx jeżerċitaw pressjoni sinifikanti tal-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni u x'aktarx jirriżultaw fi tnaqqis fil-volum ta' bejgħ u fil-prezzijiet. Għalhekk, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li tiddeterjora malajr u tipperikola l-irkupru reċenti tagħha u s-sopravivenza tagħha fuq terminu qasir sa medju.

(185) Meta titqies iż-żieda sinifikanti fil-prezz tal-materja prima li diġà seħħet fl-2022 u li hija prevista li tkompli fl-2023 ([60]), il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li tiġi affettwata b'mod negattiv. Aktar minn hekk, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, dan x'aktarx iwassal għal żieda fil-kwantitajiet ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina, u b'hekk ibiddel l-industrija tal-Unjoni f'industrija li tagħmel it-telf. Din is-sitwazzjoni twassal għall-għajbien tal-produzzjoni tal-glukonat tas-sodju fl-Unjoni u tal-attivitajiet downstream tal-industrija tal-Unjoni f'perjodu ta' żmien relattivament qasir. F'dan il-każ, il-produzzjoni dinjija tal-glukonat tas-sodju tiġi ridotta għaċ-Ċina u għall-Istati Uniti biss, li tista' tħalli impatt fuq is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni.

(186) Fid-dawl tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, jiġifieri l-kapaċitajiet ta' riżerva kbar fiċ-Ċina, il-ħtieġa li l-esportaturi Ċiniżi jżidu l-produzzjoni u jsibu swieq ġodda, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-aċċess limitat tal-esportaturi Ċiniżi għas-suq tal-Istati Uniti, it-tnaqqis reċenti fil-kostijiet tat-trasport u l-livell baxx ta' prezzijiet attwalment offruti lill-klijenti fl-UE mill-esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx jirriżulta f'żieda sinifikanti f'importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina bi prezzijiet dannużi u d-dannu materjali x'aktarx li jerġa' jseħħ.

## 7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(187) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

(188) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(189) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u ta' rikorrenza tad-dannu, kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

([58]) Ara l-paġna 7 tal-verżjoni miftuħa tas-sottomissjoni ta' Jungbunzlauer "Esibit 23".
([59]) Ara l-paġni 1–2 tal-verżjoni miftuħa tas-sottomissjoni ta' Jungbunzlauer tal-21 ta' Novembru 2022.
([60]) Ara l-paġna 2 tal-verżjoni miftuħa tas-sottomissjoni ta' Jungbunzlauer tal-21 ta' Novembru 2022.

### 7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(190) Kif iddikjarat fil-premessa (171), l-industrija tal-Unjoni wriet li kienet kapaċi tirkupra minn dumping dannuż f'suq regolat minn kundizzjonijiet kummerċjali effettivi. Is-sehem li għandha fis-suq tal-Istati Uniti jkompli jikkonferma li l-operazzjonijiet tagħha huma vijabbli meta ma jkunux soġġetti għal kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (171) hawn fuq, l-industrija għadha fi stat vulnerabbli.

(191) Il-miżuri ta' difiża tal-kummerċ li attwalment huma fis-seħħ fl-UE u fl-Istati Uniti għandhom l-għan li jistabbilixxu ambjent effettiv u kompetittiv għall-produtturi kollha tal-glukonat tas-sodju iżda anke għall-operaturi l-oħrajn kollha. Id-*data* pprovduta mill-applikant turi li filwaqt li l-produtturi Ċiniżi għandhom anqas minn 5 % tas-sehem mis-suq fis-suq tal-Istati Uniti, il-produtturi tal-UE għandhom madwar 20 % tas-sehem mis-suq. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni hija kompetittiva u ma hijiex lesta li tirrinunzja dan is-segment tal-bejgħ, li huwa uniku fl-Unjoni.

(192) Abbażi ta' dak ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-estensjoni tal-miżuri fis-seħħ kontra r-RPĊ tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 7.2. **Interess ta' importaturi mhux relatati**

(193) Kif iddikjarat fil-premessa (18), l-ebda importatur mhux relatat ma kkoopera matul l-investigazzjoni.

(194) L-investigazzjoni attwali ma żvelat l-ebda impatt negattiv sinifikanti tal-miżuri fis-seħħ fuq l-importaturi.

(195) L-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza preċedenti kkonkludiet li l-importaturi jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mill-miżuri iżda f'livell limitat ħafna. Instab li s-sehem tal-glukonat tas-sodju kien jirrappreżenta anqas minn 5 % tal-fatturat tal-importaturi li kkooperaw fir-rieżami ta' skadenza preċedenti.

(196) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt limitat ħafna fuq l-importaturi, jekk ikollha, u dan l-impatt jagħmlu tajjeb għalih il-benefiċċji li l-miżuri jistgħu jġibu lill-industrija tal-Unjoni.

### 7.3. **Interess tal-utenti**

(197) L-ebda wieħed mill-utenti tal-glukonat tas-sodju ma kkoopera fl-investigazzjoni.

(198) Fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza preċedenti, instab li għall-utent li kkoopera, il-glukonat tas-sodju kien jirrappreżenta anqas minn 5 % tal-kost tal-manifattura tal-prodotti lesti li jinkorporaw il-glukonat tas-sodju. Kwalunkwe żieda fil-prezz tal-glukonat tas-sodju għalhekk jenħtieġ li jkollha impatt limitat fuq l-attivitajiet tal-utenti.

(199) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-industrija tal-Unjoni aġixxiet b'mod raġonevoli f'termini tal-iffissar tal-prezzijiet. Fl-2019, meta l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'medja ta' 5 %, dan kien b'risposta għal żieda ta' 6 % fil-kostijiet f'dik is-sena. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, meta l-prezzijiet Ċiniżi għal ċerti tipi ta' glukonat tas-sodju kienu ogħla mill-industrija tal-Unjoni, il-prezz tal-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli.

(200) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, u kif kien il-każ fl-investigazzjoni preċedenti, l-investigazzjoni attwali ma żvelat l-ebda impatt negattiv sinifikanti tal-miżuri fuq l-utenti.

(201) Għalhekk, mill-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impatt fuq l-utenti tal-kontinwazzjoni tal-miżuri, jekk ikun hemm, ikun limitat.

### 7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(202) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti għall-interess min-naħa tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju li joriġina mir-RPĊ.

## 8. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(203) Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqin mill-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' dumping, ir-rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping dwar il-glukonat tas-sodju mir-RPĊ jenħtieġ li jinżammu.

(204) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jeħtiġilhom jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(205) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(206) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/rati tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(207) Ir-rati ta' dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġinaw mir-RPĊ u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mmanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(208) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([61]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(209) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Huma ngħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Ma wasal l-ebda kumment.

(210) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([62]), meta jkollu jiġi rimborżat ammont fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li għandu jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

---

([61]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

([62]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(211) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'dan qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' glukonat tas-sodju niexef, b'numru tal-Unjoni Doganali u l-Istatistika (CUS) 0023277-9 u numru tar-reġistru tal-Chemical Abstracts Service (CAS) 527-07-1, li attwalment jaqgħu fil-kodiċi NM ex 2918 16 00 (kodiċi TARIC 2918 16 00 10), u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

| Kumpanija | Dazju anti-dumping definittiv (%) | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Shandong Kaison Biochemical Co., Ltd | 5,6 | A972 |
| Qingdao Kehai Biochemistry Co. Ltd | 27,1 | A973 |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 53,2 | A999 |

(6) Fit-30 ta’ Lulju 2021, l-Aġenzija baghtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPC bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Fis-7 ta’ Marzu 2022, il-Ġermanja talbet lill-Kummissjoni taġġusta t-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku “Arche Chlorine” għat-territorju tagħha f’konformità mal-Artikolu 44(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għal raġunijiet ta’ politika pubblika msemmija fl-Artikolu 37(1), il-punt (b), u għal raġunijiet ta’ protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin imsemmija fl-Artikolu 37(1), il-punt (c) ta’ dak ir-Regolament. Fit-talba tagħhom, l-awtoritajiet Ġermaniżi rreferew għar-regoli nazzjonali tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb (TrinkwV) ([3]) li tistabbilixxi sett sistematiku ta’ regoli biex jiġi żgurat ilma tax-xorb tajjeb għas-saħħa u nadif billi tirregola l-kwalità meħtieġa tal-ilma, u s-sustanzi, il-metodi u l-proċeduri li għandhom jintużaw għat-trattament tal-ilma tax-xorb; li timponi obbligi fuq l-impjanti tat-trattament tal-ilma u tistabbilixxi r-regoli dwar l-infurzar ta’ dawk l-obbligi. Abbażi tar-regoli stabbiliti mit-TrinkwV, ġew żviluppati ċerti normi u prattiki komuni li huma stabbiliti sew fis-settur tat-trattament tal-ilma tax-xorb fil-Ġermanja.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) L-opinjoni tal-ECHA tas-16 ta’ Ġunju 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku “Arche Chlorine” (ECHA/BPC/281/2021), https://echa.europa.eu/it/opinions-on-union-authorisation

([3]) Trinkwasserverordnung in der Fassung der Bekanntmachung vom 10. März 2016 (Bundesgesetzblatt I S. 459), zuletzt geaendert durch Artikel 1 der Verordnung vom 22. September 2021 (Bundegesetzblatt I S. 4343). TrinkwV.pdf (gesetze-im-internet.de).

(8) Il-Ġermanja spjegat f'aktar dettall li partijiet mid-deskrizzjoni tal-użu 2 (id-diżinfezzjoni tal-ilma tax-xorb għand il-fornituri tal-ilma tax-xorb), tal-użu 3 (id-diżinfezzjoni tal-ilma fil-ġibjuni) u tal-użu 4 (id-diżinfezzjoni tal-ilma fis-sistemi kollettivi) tal-SPC ma jikkorrispondux għalkollox mar-regoli tat-TrinkwV. B'mod partikolari, il-metodi ta' applikazzjoni u r-rati ta' applikazzjoni u l-frekwenza għal dawk l-użi jeħtieġ li jiġu adattati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-lista ta' sustanzi ta' trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni f'konformità mal-paragrafu 11 tat-TrinkwV.

(9) Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 hija tal-fehma li t-talba tal-Ġermanja biex taġġusta l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-prodott bijoċidali uniku "Arche Chlorine" għat-territorju tagħha f'konformità mal-Artikolu 44(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 hija ġġustifikata għal raġunijiet ta' politika pubblika fil-provvista tal-ilma tax-xorb u għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin skont l-Artikolu 37(1), il-punti (b) u (c) rispettivament, ta' dak ir-Regolament. It-TrinkwV timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE ([4]) fil-Ġermanja, li tistabbilixxi qafas legali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem mill-effetti negattivi ta' kull kontaminazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi tiżgura li jkun sikur u nadif. Dik id-Direttiva tistabbilixxi standards essenzjali ta' kwalità fil-livell tal-Unjoni u tippermetti lill-Istati Membri jimplimentaw rekwiżiti addizzjonali u standards ogħla meta jittrasponuha fil-liġijiet nazzjonali tagħhom. Ir-regoli partikolari magħżula mill-Ġermanja biex tittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE fil-liġi nazzjonali ilhom fis-seħħ mill-2001 u huma implimentati u invokati mis-settur tat-trattament tal-ilma tax-xorb fil-Ġermanja. Għalhekk, il-prodotti għad-diżinfezzjoni tal-ilma tax-xorb disponibbli fis-suq jenħtieġ li ma jinterferixxux ma' dik is-sistema u jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fit-TrinkwV.

(10) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk hija tal-fehma li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-"Arche Chlorine" bl-aġġustamenti tal-SPC kif mitlub mill-Ġermanja għat-territorju tagħha għall-użi 2, 3 u 4 f'konformità mal-Artikolu 44(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0026816-0000 lil Arche Consortia biex tqiegħed fis-suq u tuża l-prodott bijoċidali uniku "Arche Chlorine" f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali stabbilit fl-Anness.

Għat-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, japplikaw aġġustamenti għat-termini u l-kundizzjonijiet għall-użi 2, 3 u 4 tal-"Arche Chlorine" kif stabbilit fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mit-3 ta' Mejju 2023 sat-30 ta' April 2033.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bijoċidali**

Arche Chlorine

Prodott tip 2 — Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-applikazzjoni diretta fuq il-bnedmin jew fuq l-annimali (Diżinfettanti)

Prodott tip 5 — Ilma tax-xorb (Diżinfettanti)

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0026816-0000

Numru tal-ass R4BP: EU-0026816-0000

## 1. INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

### 1.1. Isem (ismijiet) kummerċjali tal-prodott

| | |
|---|---|
| Isem kummerċjali | Arche Chlorine |

### 1.2. Detentur tal-awtorizzazzjoni

| | | |
|---|---|---|
| Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni | Isem | ARCHE Consortia |
| | Indirizz | Liefkensstraat 35D, 9032 Wondelgem Il-Belġju |
| Numru tal-awtorizzazzjoni | EU-0026816-0000 | |
| *Numru tal-ass R4BP* | EU-0026816-0000 | |
| Data tal-awtorizzazzjoni | It-3 ta' Mejju 2023 | |
| Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni | It-30 ta' April 2033 | |

### 1.3. Manifattur(i) tal-prodott

| | |
|---|---|
| L-isem tal-manifattur | PCC Rokita SA |
| L-indirizz tal-manifattur | Sienkiewicza 4, 56-120 Brzeg Dolny Polonja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Sienkiewicza 4, 56-120 Brzeg Dolny Polonja |

### 1.4. Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)

| Sustanza attiva | Kloru attiv rilaxxat mill-kloru |
|---|---|
| L-isem tal-manifattur | PCC Rokita SA |
| L-indirizz tal-manifattur | Sienkiewicza 4, 56-120 Brzeg Dolny Polonja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Sienkiewicza 4, 56-120 Brzeg Dolny Polonja |

## 2. KOMPOŻIZZJONI U FORMULAZZJONI TAL-PRODOTT

### 2.1. Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva fuq il-kompożizzjoni tal-prodott

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru KE | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Kloru attiv rilaxxat mill-kloru | | Sustanza attiva | | | 100,0 |
| Klorin | Klorin | Sustanza mhux attiva | 7782-50-5 | 231-959-5 | 100,0 |

### 2.2. Tip ta' formulazzjoni

GA — Gass

## 3. DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U PREKAWZJONI

| | |
|---|---|
| Dikjarazzjonijiet dwar Periklu | Jista' jikkawża jew iżid in-nar; ossidant.<br>Jagħmel irritazzjoni tal-ġilda.<br>Jagħmel irritazzjoni serja lill-għajnejn.<br>Tossiku jekk jinxtamm.<br>Jista' jikkawża irritazzjoni respiratorja.<br>Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi.<br>Fih gass taħt pressjoni; jista' jisplodi jekk jissaħħan. |
| Dikjarazzjonijiet dwar Prekawzjoni | Żomm 'il bogħod mill-ħwejjeġ u materjali oħra li jaqbdu.<br>Tiblax man-nifs gass.<br>Evita r-rilaxx fl-ambjent.<br>Ilbes ingwanti protettivi.<br>Ilbes ilbies protettiv.<br>Ilbes protezzjoni għall-għajnejn.<br>Ilbes protezzjoni għall-wiċċ.<br>JEKK JINĠIBED MAN-NIFS:Qiegħed lill-persuna għall-arja friska f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs.<br>JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti.Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ.<br>Iġbor it-tixrid.<br>Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba.Żomm il-kontenitur magħluq sew.<br>Aħżen f'post imsakkar.<br>Ipproteġi mid-dawl tax-xemx.Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba.<br>F'każ ta' nar: Waqqaf it-tnixxija jekk ma jkunx hemm periklu.<br>Armi l-kontenut fi qbil mar-regolamenti lokali.<br>Żomm il-valvi u fittings ħielsa miż-żejt u l- grease.<br>Sejjaħ tabib jekk ma tħossokx f'sikktek..<br>Evita li tibla' bin-nifs gass.<br>Aħsel idejk sew wara li timmaniġġjah.<br>Uża biss barra jew f'post ventilat sew.<br>JEKK FUQ IL-ĠILDA:Baħbaħ b'ħafna ilma.<br>Sejjaħ Ċentru tal-avvelenament/tabib.<br>Trattament speċifiku (ara r-referanza għall-istruzzjonijiet supplementali għall-ewwel għajnuna fuq din it-tikketta).<br>Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda:Ikkonsulta tabib.<br>Jekk l-irritazzjoni tal-għajnejn tibqa':Ikkonsulta tabib.<br>Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati.U aħslu qabel terġa' tużah. |

4. **UŻU(IJIET) AWTORIZZATI**

## 4.1. deskrizzjoni użu

*Tabella 1*

**Użu # 1 — Diżinfezzjoni ta' ilma mormi wara l-impjant tal-ilma mormi**

| | |
|---|---|
| Tip ta' Prodott | TP 02 — Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-annimali |
| Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | / |
| Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | isem xjentifiku: bakterja<br>isem komuni: Bacteria<br>istadju iżvilupp: ebda data<br>isem xjentifiku: viruses<br>isem komuni: Viruses<br>istadju iżvilupp: ebda data |
| Qasam tal-użu | Indoor<br>Outdoor<br>Diżinfezzjoni ta' ilma mormi wara l-impjant tal-ilma mormi, permezz ta' dożaġġ f'daqqa (fil-każ ta' kontaminazzjoni). |
| Metodu(i) ta' applikazzjoni | Metodu: sistema magħluqa<br><br>Deskrizzjoni dettaljata:<br><br>Sistema ta' dożaġġ awtomatizzata. |
| Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' Applikazzjoni: Dożaġġ f'daqqa: 477 mg/l klorin attiv (AC, active chlorine) taħt kundizzjonijiet ta' ħmieġ.<br><br>Dilwizzjoni (%): -<br><br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br><br>Ħin ta' kuntatt: 30 minuta |
| Kategorija(i) tal-utenti | industrijali<br>professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Ċilindru: 4,8 — 140 l (6-175 kg $Cl_2$)<br><br>Kartell: 400-1 000 l (500-1 250 kg $Cl_2$)<br><br>Tankijiet tal-ferrovija: 43 000 — 44 000 l (53 750 — 55 000 kg $Cl_2$)<br><br>Karbonju/azzar li ma jissaddadx |

4.1.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Ikkonnettja ċ-ċilindru jew il-kartell tal-klorin mas-sistema ta' dożaġġ magħluqa, awtomatika. Issettja l-parametri tas-sistema biex tikseb konċentrazzjoni ta' klorin attiv fl-ilma skont ir-rata ta' applikazzjoni indikata hawn fuq.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Naqqas il-konċentrazzjonijiet residwi tal-klorin attiv bil-filtrazzjoni tal-karbonju attiv jew iż-żieda ta' aġenti tar-riduzzjoni (eż. aċidu askorbiku jew askorbat tas-sodju) qabel l-iskariku tal-ilma mormi fl-ilma tal-wiċċ. Alternattivament, l-ilma jista' jinżamm f'buffer qabel l-iskariku.

Għandhom jitwettqu valutazzjonijiet regolari fuq il-kwalità tal-ilma biex jiġi żgurat li l-effluwent jissodisfa l-istandards kollha meħtieġa tal-kwalità.

4.1.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2. **deskrizzjoni użu**

*Tabella 2*

**Użu # 2 — Diżinfezzjoni tal-ilma tax-xorb għand fornituri tal-ilma tax-xorb**

| Tip ta' Prodott | TP 05 — Ilma tax-xorb |
|---|---|
| Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | / |
| Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | isem xjentifiku: bakterja<br>isem komuni: Bacteria<br>istadju iżvilupp: ebda data<br><br>isem xjentifiku: viruses<br>isem komuni: Viruses<br>istadju iżvilupp: ebda data |
| Qasam tal-użu | Indoor<br>Outdoor<br>Id-diżinfezzjoni għand il-fornituri tal-ilma tax-xorb u s-sistemi tad-distribuzzjoni tal-ilma tagħhom, permezz ta' dożaġġ kontinwu. |
| Metodu(i) ta' applikazzjoni | Metodu: sistema magħluqa<br><br>Deskrizzjoni dettaljata:<br><br>Sistema ta' dożaġġ awtomatizzata<br><br>Aġġustament applikabbli fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja b'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012:<br><br>B'konformità mal-lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb[1], japplikaw ir-regoli tekniċi għad-dożaġġ stabbiliti fl-iskedi tax-xogħol tad-Deutscher Verein des Gas Wasserfaches e. V[2] W 229, W 296, W 623 u l-ħin minimu ta' kuntatt ta' W 229[3]. (Ara t-taqsima 6 għal aktar referenzi) |

| | |
|---|---|
| Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' Applikazzjoni: 0,5 mg/l klorin attiv (AC, Active Chlorine) bħala konċentrazzjoni residwa fis-sistema<br><br>Dilwizzjoni (%): -<br><br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br><br>Frekwenza: dożaġġ kontinwu<br><br>Aġġustament applikabbli fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja b'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012:<br><br>B'konformità mal-lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb (Ara t-taqsima 6 għal aktar referenzi)[4]<br><br>Rata ta' applikazzjoni:<br>Żieda massima ta' 1,2 mg/l $Cl_2$ ħieles;<br><br>Il-medda ta' konċentrazzjoni wara li jitlesta t-trattament: massimu ta' 0,3 mg/l $Cl_2$ ħieles, minimu ta' 0,1 mg/l $Cl_2$ ħieles (inklużi l-ammonti qabel it-trattament u minn trattamenti oħra) bħala konċentrazzjoni residwa fis-sistema<br><br>F'każijiet eċċezzjonali, żieda sa 6 mg/l $Cl_2$ ħieles u konċentrazzjoni sa 0,6 mg/l $Cl_2$ ħieles wara t-trattament hija aċċettabbli bħala konċentrazzjoni residwa fis-sistema, jekk id-diżinfezzjoni ma tistax tiġi żgurata permezz ta' mezzi oħra jew jekk id-diżinfezzjoni hija mdgħajfa b'mod temporanju mill-ammonju. |
| Kategorija(i) tal-utenti | professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Ċilindru: 4,8 — 140 l (6-175 kg $Cl_2$)<br><br>Kartell: 400-1 000 l (500-1 250 kg $Cl_2$)<br><br>Tankijiet tal-ferrovija: 43 000 — 44 000 l (53 750 — 55 000 kg $Cl_2$)<br><br>Karbonju/azzar li ma jissaddadx |

4.2.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Ikkonnettja ċ-ċilindru jew il-kartell tal-klorin mas-sistema ta' dożaġġ magħluqa, awtomatika. Issettja l-parametri tas-sistema biex tikseb konċentrazzjoni ta' klorin attiv fl-ilma skont ir-rati ta' applikazzjoni indikati hawn fuq.

Jekk jogħġbok innota li xi Stati Membri, wara d-diżinfezzjoni primarja, jitolbu li jinżamm livell residwu ta' klorin disponibbli fl-ilma tax-xorb fil-pajpijiet bħala miżura ta' prekawzjoni. Dan l-ammont addizzjonali, li l-applikant sejjaħ "Diżinfezzjoni sekondarja: 0,1 sa 0,5 mg/l ta' klorin disponibbli (residwu)" tqies bħala kopert mid-diżinfezzjoni primarja.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Kun żgur li l-konċentrazzjoni ta' klorin fl-ilma tax-xorb ma taqbiżx il-limitu nazzjonali għall-klorin qabel il-konsum.

Kun żgur li l-konċentrazzjoni ta' klorat preżenti fl-ilma tax-xorb ma taqbiżx il-valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

4.2.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.3. **deskrizzjoni użu**

*Tabella 3*

**Użu # 3 — Diżinfezzjoni tal-ilma fil-ġibjuni**

| Tip ta' Prodott | TP 05 — Ilma tax-xorb |
|---|---|
| Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | / |
| Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | isem xjentifiku: bakterja<br>isem komuni: Bacteria<br><br>istadju iżvilupp: ebda data<br>isem xjentifiku: viruses<br>isem komuni: Viruses<br>istadju iżvilupp: ebda data |
| Qasam tal-użu | Indoor<br>Outdoor<br>Diżinfezzjoni tal-ilma (b'ilma li jiġi min-network tal-ilma tal-vit), f'ġibjuni/tankijiet, permezz ta' dożaġġ kontinwu. |
| Metodu(i) ta' applikazzjoni | Metodu: sistema magħluqa<br><br>Deskrizzjoni dettaljata:<br>Sistema ta' dożaġġ awtomatizzata. Id-diżinfezzjoni titwettaq fil-bokka tal-ġibjun, sabiex tiġi żgurata d-distribuzzjoni xierqa tad-diżinfettant fl-ilma.<br><br>Aġġustament applikabbli fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja b'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012:<br><br>B'konformità mal-lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb[1], japplikaw ir-regoli tekniċi għad-dożaġġ stabbiliti fl-iskedi tax-xogħol tad-Deutscher Verein des Gas Wasserfaches e. V[2] W 229, W 296, W 623 u l-ħin minimu ta' kuntatt ta' W 229[3].<br>(Ara t-taqsima 6 għal aktar referenzi) |

| | |
|---|---|
| Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' Applikazzjoni: 0,5 mg/l Klorin Attiv (AC, Active Chlorine) bħala konċentrazzjoni residwa fis-sistema.<br><br>Dilwizzjoni (%): -<br><br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br><br>Frekwenza: dożaġġ kontinwu<br><br>Aġġustament applikabbli fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja b'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012:<br><br>B'konformità mal-lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb (Ara t-taqsima 6 għal aktar referenzi)[4]<br><br>Rata ta' applikazzjoni: żieda massima ta' 1,2 mg/l $Cl_2$ ħieles;<br><br>Il-medda ta' konċentrazzjoni wara li jitlesta t-trattament: massimu ta' 0,3 mg/l $Cl_2$ ħieles, min ta' 0,1 mg/l $Cl_2$ ħieles (inklużi l-ammonti qabel it-trattament u minn trattamenti oħra)<br><br>F'każijiet eċċezzjonali, żieda sa 6 mg/l $Cl_2$ ħieles u konċentrazzjoni sa 0,6 mg/l $Cl_2$ ħieles wara t-trattament hija aċċettabbli, jekk id-diżinfezzjoni ma tistax tiġi żgurata permezz ta' mezzi oħra jew jekk id-diżinfezzjoni hija mdgħajfa temporanjament mill-preżenza tal-ammonju. |
| Kategorija(i) tal-utenti | professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Ċilindru: 4,8 — 140 l (6-175 kg $Cl_2$)<br><br>Kartell: 400-1 000 l (500-1 250 kg $Cl_2$)<br><br>Tankijiet tal-ferrovija: 43 000 — 44 000 l (53 750 — 55 000 kg $Cl_2$)<br><br>Karbonju/azzar li ma jissaddadx |

4.3.1. *Użu speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Ikkonnettja ċ-ċilindru jew il-kartell tal-klorin mas-sistema ta' dożaġġ magħluqa, awtomatika. Issettja l-parametri tas-sistema biex tikseb konċentrazzjoni ta' klorin attiv fl-ilma skont ir-rati ta' applikazzjoni indikati hawn fuq.

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Kun żgur li l-konċentrazzjoni ta' klorin fl-ilma tax-xorb ma taqbiżx il-limitu nazzjonali għall-klorin qabel il-konsum.

Kun żgur li l-konċentrazzjoni ta' klorat preżenti fl-ilma tax-xorb ma taqbiżx il-valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

4.3.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.3.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.3.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

## 4.4. deskrizzjoni użu

*Tabella 4*

**Użu # 4 — Diżinfezzjoni tal-ilma f'sistemi kollettivi**

| | |
|---|---|
| Tip ta' Prodott | TP 05 — Ilma tax-xorb |
| Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | / |
| Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | isem xjentifiku: bakterja<br>isem komuni: Bacteria<br>istadju iżvilupp: ebda data<br><br>isem xjentifiku: viruses<br>isem komuni: Viruses<br>istadju iżvilupp: ebda data<br><br>isem xjentifiku: legionella pneumophila<br>isem komuni: Bacteria<br>istadju iżvilupp: ebda data |
| Qasam tal-użu | Indoor<br>Outdoor<br>F'Istituzzjonijiet pubbliċi, faċilitajiet tal-kura tas-saħħa<br>Diżinfezzjoni tal-ilma tax-xorb f'sistemi tal-ilma tax-xorb kollettivi, permezz ta' dożaġġ kontinwu |
| Metodu(i) ta' applikazzjoni | Metodu: sistema magħluqa<br><br>Deskrizzjoni dettaljata:<br><br>Sistema ta' dożaġġ awtomatizzata<br><br>Aġġustament applikabbli fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja b'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012:<br><br>B'konformità mal-lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb[1], japplikaw ir-regoli tekniċi għad-dożaġġ stabbiliti fl-iskedi tax-xogħol tad-Deutscher Verein des Gas Wasserfaches e. V[2] W 229, W 296, W 623 u l-ħin minimu ta' kuntatt ta' W 229[3].<br>(Ara t-taqsima 6 għal aktar referenzi) |

| | |
|---|---|
| Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' Applikazzjoni: 1 mg/l klorin attiv (AC, Active Chlorine) bħala konċentrazzjoni residwa fis-sistema<br><br>Dilwizzjoni (%): -<br><br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br><br>Frekwenza: dożaġġ kontinwu<br><br>Aġġustament applikabbli fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja b'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012:<br><br>B'konformità mal-lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb (Ara t-taqsima 6 għal aktar referenzi)[4]<br><br>Rata ta' applikazzjoni: żieda massima ta' 1,2 mg/l $Cl_2$ ħieles;<br><br>Il-medda ta' konċentrazzjoni wara li jitlesta t-trattament: massimu ta' 0,3 mg/l $Cl_2$ ħieles, min ta' 0,1 mg/l $Cl_2$ ħieles (inklużi l-ammonti qabel it-trattament u minn trattamenti oħra)<br><br>F'każijiet eċċezzjonali, żieda sa 6 mg/l $Cl_2$ ħieles u konċentrazzjoni sa 0,6 mg/l $Cl_2$ ħieles wara t-trattament hija aċċettabbli, jekk id-diżinfezzjoni ma tistax tiġi żgurata permezz ta' mezzi oħra jew jekk id-diżinfezzjoni hija mdgħajfa temporanjament mill-preżenza tal-ammonju. |
| Kategorija(i) tal-utenti | professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Ċilindru: 4,8 — 140 l (6-175 kg $Cl_2$)<br><br>Kartell: 400-1 000 l (500-1 250 kg $Cl_2$)<br><br>Tankijiet tal-ferrovija: 43 000 — 44 000 l (53 750 — 55 000 kg $Cl_2$)<br><br>Karbonju/azzar li ma jissaddadx |

4.4.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Ikkonnettja ċ-ċilindru jew il-kartell tal-klorin mas-sistema ta' dożaġġ magħluqa, awtomatika. Issettja l-parametri tas-sistema biex tikseb il-konċentrazzjoni tal-klorin attiv indikata hawn fuq.

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Kun żgur li l-konċentrazzjoni ta' klorin fl-ilma tax-xorb ma taqbiżx il-limitu nazzjonali għall-klorin qabel il-konsum.

Kun żgur li l-konċentrazzjoni ta' klorat preżenti fl-ilma tax-xorb ma taqbiżx il-valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

4.4.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.4.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.4.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

## 4.5. **deskrizzjoni użu**

*Tabella 5*

**Użu # 5 — Diżinfezzjoni tal-ilma tax-xorb għall-annimali**

| | |
|---|---|
| Tip ta' Prodott | TP 05 — Ilma tax-xorb |
| Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | / |
| Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | isem xjentifiku: bakterja<br>isem komuni: Bacteria<br>istadju iżvilupp: ebda data<br><br>isem xjentifiku: viruses<br>isem komuni: Viruses<br>istadju iżvilupp: ebda data |
| Qasam tal-użu | Indoor<br>Outdoor<br>Diżinfezzjoni tal-ilma tax-xorb għall-annimali (bl-ilma li jiġi min-network tal-ilma tal-vit) f'Żoni agrikoli, permezz ta' dożaġġ kontinwu. |
| Metodu(i) ta' applikazzjoni | Metodu: sistema magħluqa<br><br>Deskrizzjoni dettaljata:<br><br>Sistema ta' dożaġġ awtomatizzata |
| Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' Applikazzjoni: 0,5 mg/l klorin attiv (AC, Active Chlorine) bħala konċentrazzjoni residwa fis-sistema.<br><br>Dilwizzjoni (%): -<br><br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br><br>Frekwenza: dożaġġ kontinwu |
| Kategorija(i) tal-utenti | professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Ċilindru: 4,8 — 140 l (6-175 kg $Cl_2$)<br><br>Kartell: 400-1 000 l (500-1 250 kg $Cl_2$)<br><br>Tankijiet tal-ferrovija: 43 000–44 000 l (53 750–55 000 kg $Cl_2$)<br><br>Karbonju/azzar li ma jissaddadx |

4.5.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Ikkonnettja ċ-ċilindru jew il-kartell tal-klorin mas-sistema ta' dożaġġ magħluqa, awtomatika. Issettja l-parametri tas-sistema biex tikseb konċentrazzjoni kontinwa ta' klorin attiv fl-ilma skont ir-rati ta' applikazzjoni indikati hawn fuq.

4.5.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Għall-komoditajiet tal-ikel, kun żgur li l-konċentrazzjoni tal-klorat preżenti fl-ikel ma taqbiżx il-valuri tal-MRL stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/749 tal-4 ta' Ġunju 2020 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi għall-klorat f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 178, 8.6.2020, p. 7).

4.5.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.5.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.5.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Sezzjoni 5 Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

## 5. DIREZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU [1]

### 5.1. Istruzzjonijiet għall-użu

-

### 5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju

Għall-konnessjoni jew l-iskonnessjoni tal-kontenituri tal-prodott kif ukoll għall-manutenzjoni jew it-tiswija tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass, il-miżuri li ġejjin ta' mitigazzjoni tar-riskji (RMMs, risk mitigation measures) huma obbligatorji:

— Sistema tal-allarm (valur tal-iskattar li jikkorrispondi għall-konċentrazzjoni ta' esponiment akut (AEC, acute exposure concentration): 0,5 mg klorin attiv/m$^3$ (jew iktar baxxa b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali)) li tibda proċeduri ta' sikurezza bħall-ilbies ta' tagħmir ta' protezzjoni respiratorja (RPE, respiratory protective equipment) b'konformità mal-istandard CEN EN14387: Tagħmir ta' protezzjoni respiratorja — Filtr(u/i) tal-gass u filtr(u/i) kombinati — Rekwiżiti, ittestjar, immarkar (jew ekwivalenti);

— hemm fis-seħħ l-applikazzjoni ta' ventilazzjoni tal-egżost lokali (LEV, local exhaust ventilation) (skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali) u pressjoni baxxa/vakwu sabiex tiġi evitata l-emissjoni tal-klorin;

— is-sensuri elettrokimiċi użati għall-kejl biex jiskopru diversi speċijiet klorinati minbarra l-klorin innifsu;

— sensuri li jkejlu l-esponiment anke meta l-operaturi jkunu qed jużaw RPE b'konformità mal-istandard CEN EN141 jew ekwivalenti.

### 5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu l-ambjent

Evita kemm jista' jkun li tibla' dan il-gass tossiku man-nifs. JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Esponi lill-vittma għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tkun tista' tieħu n-nifs. Sejjaħ minnufih lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

Informazzjoni għall-persunal tal-Kura tas-Saħħa/it-tabib:

Ibda minnufih miżuri ta' appoġġ għall-ħajja, u wara sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT.

JEKK JINBELA': Mhux applikabbli.

[1] L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħrajn għall-użu taħt din it-taqsima huma validi għal kull użu awtorizzat.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Aħsel il-ġilda bl-ilma. Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal 5 minuti. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

### 5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Fi tmiem it-trattament armi kull prodott li ma ntużax u l-ippakkjar skont ir-rekwiżiti lokali.

Tarmix il-prodott mhux użat fl-art, fil-korsiji tal-ilma, f'pajpijiet (sink, tojlits…) jew fid-drenaġġ.

### 5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Kundizzjonijiet ta' ħażna:

Tankijiet tal-pressjoni ssiġillati: Minħabba l-proprjetajiet kimiċi u fiżiċi tiegħu, il-gass tal-klorin għandu dejjem jinħażen f'reċipjenti dedikati tal-karbonju/azzar b'valvi speċjali dedikati. Il-pakketti tal-klorin għall-użu fl-UE għandhom ikunu magħmula u ttikkettati b'konformità mad-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u l-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi bit-triq (ADR) li sar f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957. Ara t-taqsima 6 għal aktar referenzi. Mili massimu ta' 1,25 kg/l (madwar 80 % tal-volum).

Żomm il-kontenituri bil-klorin magħluqin sew u aħżen f'post frisk, xott u vventilat tajjeb. Issikka sew il-kamin fuq is-siġill ta' protezzjoni tal-iżbokk tal-valv u l-għatu ta' protezzjoni tal-valv meta taħżen. Evita li ċ-ċilindri jinqalbu. Ipproteġi minn sħana u dawl tax-xemx dirett, it-temperatura tal-kontenitur qatt m'għandha tkun taħt il-15 °C jew ogħla minn 50 °C.

Il-klorin għandu jinżamm 'il bogħod minn prodotti reattivi (materjali li għandhom jiġu evitati: aġenti tar-riduzzjoni, materjali kombustibbli, metalli fi trab, aċetilena, idroġenu, ammonja, idrokarburi u materjali organiċi).

### 6. INFORMAZZJONI OĦRA

Fir-rigward tal-"Kategorija/Kategoriji ta' utenti" innota:

Professjonisti (li jinkludu utenti industrijali) tfisser professjonisti mħarrġa jekk dan huwa meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

[1] Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb: Trinkwasserverordnung in der Fassung der Bekanntmachung vom 10. März 2016 (BGBl. I S. 459), die zuletzt durch Artikel 1 der Verordnung vom 22. September 2021 (BGBl. I S. 4343) geändert worden ist; lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb: Bekanntmachung des Umweltbundesamtes der Liste der Aufbereitungsstoffe und Desinfektionsverfahren gemäß § 11 der Trinkwasserverordnung — 21. Änderung — (Stand: Dezember 2019).

[2] Deutscher Verein des Gas- und Wasserfaches e.V. (Assoċjazzjoni Teknika u Xjentifika Ġermaniża għall-Gass u l-Ilma).

[3] Parti II, Lfd. Nru 4 tal-lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb.

[4] Parti I c, Lfd. Nru 2 tal-lista ta' sustanzi tat-trattament u proċessi ta' diżinfezzjoni tal-paragrafu 11 tal-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Ilma tax-Xorb.

[5] Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1).

**RETTIFIKA**

## Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/432 tal-25 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 59 I tal-25 ta' Frar 2023)*

Fil-paġni 533 sa 582, fl-Anness, fit-tabella taħt l-intestatura "Entitajiet", l-entrati 175 sa 208 huma rinumerati bħala entrati 176 sa 209.

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/429 tal-25 ta' Frar 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 59 I tal-25 ta' Frar 2023)*

Fil-paġni 373 sa 422, fl-Anness, fit-tabella taħt l-intestatura "Entitajiet", l-entrati 175 sa 208 huma rinumerati bħala entrati 176 sa 209.

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/453 tat-2 ta' Marzu 2023 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 67 tat-3 ta' Marzu 2023)*

F'paġna 35, fl-Artikolu 1(2):

*minflok:* "L-estensjoni tad-dazju msemmi fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-kumpaniji elenkati hawn taħt:

| Pajjiż | Kumpanija | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Il-Malażja | Pantech Stainless u Alloy Industries Sdn. Bhd. | A021 |
| Il-Malażja | SPI United Sdn. Bhd | A022" |

*aqra:* "L-estensjoni tad-dazju msemmi fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-kumpaniji elenkati hawn taħt:

| Pajjiż | Kumpanija | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Il-Malażja | Pantech Stainless And Alloy Industries Sdn. Bhd. | A021 |
| Il-Malażja | SP United Industry Sdn. Bhd. | A022". |

**Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/254 tas-6 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward ta' ċerti regoli tekniċi dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 35 tas-7 ta' Frar 2023)*

F'paġna 6, fl-Artikolu 2, it-tielet paragrafu, il-punt (a),

*minflok:* "(a) l-Artikolu 1(2) il-punti (3)(b)(i) u (ii), u (3)(c)(i) u (ii), u l-punt (6) tal-Anness għandhom japplikaw mill-ewwel jum tal-perjodu ta' 90 jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew, fejn applikabbli, għall-ewwel perjodu ta' applikazzjoni li jiftaħ wara dak il-perjodu;",

*aqra:* "(a) l-Artikolu 1(2) il-punti (3)(b)(i) u (ii), u (3)(c)(i) u (ii), u l-punt (6) tal-Anness għandhom japplikaw mill-ewwel jum wara l-perjodu ta' 90 jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew, fejn applikabbli, għall-ewwel perjodu ta' applikazzjoni li jiftaħ wara dak il-perjodu;".

**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali — Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 325 tal-20 ta' Diċembru 2018)*

1. Fil-paġna tal-werrej u fil-paġna 25, it-titolu,

*minflok:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali — Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA)",

*aqra:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali dwar il-Ħarsien Ambjentali — Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA)";

2. Fil-paġna 25, il-premessa (3),

*minflok:* "(3) Skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni, il-Kunsill tal-ICAO għandu jadotta standards internazzjonali u prattiki rakkomandati.",

*aqra:* "(3) Skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni, il-Kunsill tal-ICAO għandu jadotta standards u prattiki rakkomandati internazzjonali.";

3. Fil-paġna 25, il-premessa (6),

*minflok:* "(6) Fis-27 ta' Ġunju 2018, waqt l-10 laqgħa fil-214-il sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICAO adotta l-Ewwel Edizzjoni ta' Volum IV tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni: l-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali — Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA).",

*aqra:* "(6) Fis-27 ta' Ġunju 2018, waqt l-10 laqgħa fil-214-il sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICAO adotta l-Ewwel Edizzjoni ta' Volum IV tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni: l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali dwar il-Ħarsien Ambjentali — Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA).".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT